# Mistoqsijiet Parlamentari

**Seduta Nru. 8**
**It-Tnejn, 23 ta' Mejju, 2022 fl-4:00 p.m.**

**ROLL OUT TAL-CONSTANT GLUCOSE MONITORS**

**19. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk il-pjan tal-Gvern li jsir ir-*roll out* tal-*Constant Glucose Monitors* (jew *Remote Patient Monitoring*) hux qed isir kif indikat fil-mistoqsija parlamentari 22817 tat-13-il Leġiżlatura, u li jfisser li KULL persuna bid-dijabete Type 1 ikollha l-*monitor* sal-aħħar tas-sena 2023?

09/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi kif imħabbar waqt il-kampanja elettorali ta' ftit tal-ġimgħat ilu, ir-*rollout* ta' *continuous glucose monitors* lil pazjenti b' *type* 1 *diabetes* qed ikomplu. Fil-fatt bħalissa qed jitqassmu l-*monitors* bis-servizz ta' monitorraġġ kontinwu lil żgħażagħ sa 21 sena. Aktar tard din is-sena dan is-servizz jiġi estiż sal-eta' ta' 35 sena, imbagħad sena oħra lill-pazjenti l-oħra kollha.

Seduta 8
23/05/2022

**STRATEĠIJA NAZZJONALI TAD-DIJABETE – ĦIDMA U MIRI**

**20. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk il-ħidma u l-miri tal-Istrateġija Nazzjonali tad-Dijabete 2016-2020 intlaħqux kollha?

09/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi tul dawn l-aħħar 6 snin il-gvern wettaq tibdil kbir u servizzi ġodda fl-Istrateġija Nazzjonali tad-Dijabete 2016-2020. Fostom ta' min wieħed isemmi:

- Numru ta' mediċini kontra d-Dijabete ġew miżjuda mal-formularju.
- Kull pazjent li jbati bid-Dijabete beda' jingħata l-*glucose strips* u għaddej l-proċess li jingħata l-*glucose monitor* b'xejn.
- Id-Dipartiment tal-Promozzjoni tas-Saħħa nieda varji kampanji edukattivi, għat-tfal u għall-adulti, kemm kontra d-Dijabete, kif ukoll kontra fatturi li jżidu r-risku ta' Dijabete, bl-għan li jiżdid l-għarfien ta' kemm hu mportanti li nipprevenu din il-kundizzjoni.
- Tnida l-programm *Living with Diabetes* għal pazjenti li jbatu bid-Dijabete u huma jew obeżi jew ipejpu.
- Twaqqif il-*pre-diabetic clinic* fiċ-ċentri tas-Saħħa u *out-patients clinic* apposta f'Mater Dei għal dawk il-pazjenti li jbatu mid-Dijabete u għandhom ukoll kumplikazzjonijiet fil-kliewi. Sar investiment minn *Steward Health Care* biex jiġi *upgraded l-Orthotics and Prosthetics Department.*

· Rajna wkoll żieda fl-ammont ta' riżorsi umani li huma speċjalizzati fid-Dijabete fosthom *nurses, psychologists, dieticians*, konsulenti speċjalisti fid-Dijabete u kif ukoll Podoloġisti bi *training* speċjalizzat fuq l-US biex jinqabdu malajr il-kumplikazzjonijiet taċ-ċirkulazzjoni kkawżati mid-Dijabete.

· Riċerka – sar l-istudju 'Saħħtek'.

Inghata bidu għall-proġett pilota tar-*Remote Patient Monitoring* li jinkludi fih tfal li jbatu minn *Type 1 Diabetes.*

Seduta 8
23/05/2022

**STRATEĠIJA NAZZJONALI TAD-DIJABETE ĠDIDA**

**21. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk għandux ħsieb li jippubblika Strateġija Nazzjonali tad-Dijabete ġdida minħabba li l-aħħar strateġija li ġiet ippubblikata fl-2016 skadiet fl-2020? Jista' jgħid ukoll jekk bdewx id-diskussjonijiet mal-istakeholders kollha?

09/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li wara l-perjodu tal-pandemija, d-dipartiment tas-Saħħa Pubblika issa qed jiffoka fuq l-aġġornament ta' numru ta' strateġiji, fostom dik tad-dijabete.

Seduta 8
23/05/2022

**SCREENING TAD-DIJABETE – SERVIZZI TAS-SAĦĦA**

**22. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid liema huma s-servizzi tas-saħħa marbuta mal-iscreening tad-dijabete u kundizzjonijiet relatati mad-dijabete?

09/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li dawk il-persuni li ssirilhom dijanjosi ta' dijabete jiġu referuti għal viżta għand tabib tal-familja fil-klinika tad-dijabete li hemm f'kull ċentru tas-saħħa. Wara l-ewwel viżta isirilhom appuntament għal-screening ta' kundizzjonijiet relatati mad-dijabete. Ta' kull sena jsir screening tas-saqajn u tal-għajnejn fil-kliniki tal-podjatrija u l-oftalmoloġija fi ħdan il-Kura tas-Saħħa Primarja. Hemm ukoll servizz ta' dietista u nutrizzjonista. Darba fis-sena dawn il-pazjenti jiġu inviżtati ukoll mingħand speċjalista tad-dijabete l-isptar jew fiċ-ċentru tas-saħħa stess.

Seduta 8
23/05/2022

**PAZJENTI LI QED JIĠU KKURATI BIL-BEVACIZUMAB (AVASTIN)**

**23. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm pazjenti f'Malta u Għawdex li qed jiġu kkurati bil-Bevacizumab (Avastin)? Jista' l-Ministru jgħid kemm qed tiġi tiswa kull injezzjoni? Kemm-il injezzjoni jrid jieħu pazjent kull sena?

09/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-informazzjoni dwar in-numru ta' pazjenti f'Malta u f'Ghawdex li qed jiġu kkurati bil-Bevacizumab (Avastin) qed tingabar. Kull injezzjoni tiswa bejn €10.68 (Prefilled) u €1,139.47 ghal kull vial, skont id-doza mehtiega u kif indikata mill-Konsulent Mediku.

Seduta 8
23/05/2022

**DIPARTIMENT TAS-SAĦĦA – AZZJONIJIET INDUSTRIJALI TAL-PHLEBOTOMISTS**

**24. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru tas-Saħħa jgħid kemm ilhom għaddejjin l-azzjonijiet industrijali tal-phlebotomists fid-Dipartiment tas-Saħħa? Meta bdew dawn l-azzjonijiet (data, ġurnata, xahar u sena)? X'inhi r-raġuni għalfejn bdew dawn l-azzjonijiet?

09/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-azzjonijiet industrijali imsemmija minnha huma sospiżi.

Seduta 8
23/05/2022

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI – DIRECT ORDER LILL-KUMPANIJA**

**140. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għal dak li deher fil-Gazzetta tal-Gvern tad-29 ta' April 2022 b'referenza għal diversi direct orders li ħareġ il-Ministeru li jaqa' taħt ir-responsabiltà tiegħek fit-8 ta' Novembru 2021 lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, jista' l-Ministru jgħid fiex kien jikkonsisti x-xogħol relatat mad-Direct Order bin-numru tar-referenza 52481 għall-ammont ta' €35,826.24 bit-titlu *'Malta Metro'*? Jista' jgħid jekk kienx hemm l-approvazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi għal din id-Direct Order?

10/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari numru 122.

Seduta 8
23/05/2022

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI – DIRECT ORDER LILL-KUMPANIJA**

**141. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għal dak li deher fil-Gazzetta tal-Gvern tad-29 ta' April 2022 b'referenza għal diversi direct orders li ħareġ il-Ministeru li jaqa' taħt ir-responsabiltà tiegħek fit-8 ta' Novembru 2021 lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, jista' l-Ministru jgħid fiex kien jikkonsisti x-xogħol relatat mad-Direct Order bin-numru tar-referenza 52462 għall-ammont ta' €23,068.26 bit-titlu *'Malta Metro'*? Jista' jgħid jekk kienx hemm l-approvazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi għal din id-Direct Order?

10/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari numru 122.

Seduta 8
23/05/2022

**SETTUR AGRIKOLU – REĠISTRU TAL-ĦADDIEMA**

**142. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jinforma l-Kamra jekk jinżammx reġistru tal-ħaddiema (mhux bdiewa reġistrati) fis-settur agrikolu? Jekk iva, jista' jipprovdi din l-informazzjoni:
1. in-numru ta' ħaddiema minn Jannar 2000 sa' Diċembru 2021
2. tip ta' impjieg (full-time, part-time, każwali),
3. livell ta' edukazzjoni fis-settur agrikolu/ċertifikazzjoni ta' kompetenza fis-settur Agrikolu

Jista' jgħid jekk teżistix xi forma ta' informazzjoni fir-rigward tal-kapaċitajiet/kompetenzi ta' dawn il-ħaddiema li mhux neċessarjament huma reġistrati bħala bdiewa?

10/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma jeżistix reġistru kif qed jissuġġerixxi hu. Ngħarrfu wkoll li biex tingħabar l-informazzjoni kif mitluba, jinqabeż l-advisory cost limit.

Seduta 8
23/05/2022

**MCAST – ISTITUT TAX-XJENZI AGRIKOLI – STUDENTI**

**143. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid:
1. kemm iggradwaw (Diploma, Higher National Diploma u Bachelor of Sciences) studenti mill-Istitut tax-Xjenzi Agrikoli (IAS) fl-MCAST sena b'sena u kors b'kors bejn Settembru 2010 u Mejju 2021?

2. kemm hemm studenti reġistrati tul din is-sena skolastika (Settembru 2021 u Mejju 2022) fil-korsijiet offruti (kors b'kors) mill-istess Istitut tax-Xjenzi Applikati?

10/05/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bejn bejn Settembru 2010 u Mejju 2021 kien hemm b'kollox sitt mija wieħed u sittin (661) student li ggradwa mill-Istitut tax-Xjenzi Agrikoli fl-MCAST.
Tul din is-sena skolastika kien hemm ukoll mija disgħa u ħamsin (159) student reġistrat fil-korsijiet offruti mill-istess Istitut tax-Xjenzi Applikati.
Din l-informazzjoni qed tiġi mqegħda fuq il-mejda tal-Kamra.

Seduta 8
23/05/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – STUDENTI LI GRADWAW MILL-MCAST – INĊENTIVI U INIZJATTIVI**

**144. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid x'inċentivi u inizjattivi jieħdu l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu sabiex studenti li jiggradwaw mill-MCAST (Istitut tax-Xjenzi Applikati) jinstabilhom xogħol fis-settur u b'hekk ma jintilfux ir-riżorsi umani f'dan is-settur?

10/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi l-Ministeru li tiegħu jiena responsabbli inkluż l-entitajiet, minn żmien għal żmien joħorġu sejħiet għall-applikazzjoni b'talba għall-kwalifiki speċifiċi u/jew tekniċi skont in-natura tal-postijiet vakanti. Ta' min wieħed jgħid ukoll illi permezz ta' student placements, permezz ta' skemi maħruġa mill-Istitut għas-Servizz Pubbliku, bosta studenti jkollhom l-opportunità li jiksbu esperjenza siewja li tagħtihom opportunità għall-futur waqt l-istudji tagħhom f'setturi diversi fi ħdan il-Ministeru.

Seduta 8
23/05/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – IMPJIEG TA' STUDENTI LI GRADWAW MILL-MCAST**

**145. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew impjegati persuni li ggradwaw f'xi wieħed mill-korsijiet offruti mill-MCAST (Istitut tax-Xjenzi Applikati) fl-entitajiet kollha li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu bejn Jannar 2010 u Diċembru 2021?

10/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex ikun iżjed speċifiku.

Seduta 8
23/05/2022

**KUNSILL LOKALI PIETÀ – XOGĦLIJIET INFRASTRUTTURALI MWETTQA**

**181. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista ta' xogħlijiet infrastrutturali li wettaq il-Kunsill Lokali Pieta' fis-snin 2020 u 2021 rispettivament u matul is-sena 2022 sat-30 ta' April 2022? Jista' jgħid fejn sar dan ix-xogħol, fiex kien jikkonsisti, kemm sewa u min wettaq dan ix-xogħol?

10/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taht:

| **Xogħlijiet Infrastrutturali li wettaq il-Kunsill Lokali Pietà** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Sena** | **Fejn sar ix-Xogħol** | **Fiex kien jikkonsisti** | **Kemm sewa** | **Min wettaq dan ix-xogħol** |
| 2021 | Pjazza Madonna ta' Fatima | Refurbishment ta din il-Pjazza. Inbena wkoll gibjun ghat-tisqija tal-pjanti kif ukoll saret sistema ta' dawl gdida u *street furniture* godda | Il-kont ghadu qed jigi mahdum minhabba li x-xoghol intemm ricentament | Il-fondi ghal dan il-progett gew mid-*Development Planning Fund* kif ukoll minn *Infrastructure Malta* |

Seduta 8
23/05/2022

**INKJESTI MAĠISTERJALI PENDENTI**

**183. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid fil-preżent kemm hemm inkjesti maġisterjali li għadhom pendenti? Jista' jgħid kemm ilha pendenti kull inkjesta maġisterjali?

10/05/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tabella t'hawn taħt turi kemm kien hemm inkjesti maġisterjali pendenti fil-bidu tas-sena mill-2011 sal-2022:

| **Sena** | **2011** | **2012** | **2013** | **2014** | **2015** | **2016** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Numru** | 1497 | 1443 | 1495 | 1524 | 1524 | 1405 |
| **Sena** | **2017** | **2018** | **2019** | **2020** | **2021** | **2022** |
| **Numru** | 1533 | 1634 | 1726 | 1690 | 1415 | 1403 |

Seduta 8
23/05/2022

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – KARIGI U POŻIZZJONIJIET**

**184. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jagħti lista tal-karigi u pożizzjonijiet kollha fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru inkluż ta' kull entità, dipartiment u awtorità li jaqgħu taħt ir-responsabbilità tiegħu u li fid-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari fihom hemm impjegati persuni fuq bażi ta' *person of trust* jew *position of trust*, u għal kull kariga/pożizzjoni jgħid kemm-il persuna hemm impjegata fuq din il-bażi fil-kariga u/jew pożizzjoni u x'inhu t-total tal-ispiża tal-pagi, fuq bażi annwali, fil-karigi u/jew pożizzjonijiet rispettivi?

10/05/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li l-persuni li huma impjegati fuq bażi ta' person of trust jew position of trust fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru huma dawk msemmija fil-manwal li kopja tiegħu qed titpoġġa fuq l-Mejda tal-Kamra.

Seduta 8
23/05/2022

**DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦAS-SAĦĦA – KARIĠI U POŻIZZJONIJIET**

**185. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jagħti lista tal-karigi u pożizzjonijiet kollha fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa inkluż ta' kull entità, dipartiment u awtorità li jaqgħu taħt ir-responsabbilità tiegħu u li fid-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari fihom hemm impjegati persuni fuq bażi ta' *person of trust* jew *position of trust*, u għal kull kariga/pożizzjoni jgħid kemm-il persuna hemm impjegata fuq din il-bażi fil-kariga u/jew pożizzjoni u x'inhu t-total tal-ispiża tal-pagi, fuq bażi annwali, fil-karigi u/jew pożizzjonijiet rispettivi?

10/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li ninsab infurmat li l-lista ta' karigi/pożizzjonijiet ingaġġati fuq bażi ta' *person of trust jew position of trust* fis-segretarjat tal-Ministeru skont il-Manwal li kopja tiegħu diġà tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra. Il-kumplament li mhumiex imniżżlin fil-Manwal huma dawn:

*Project Manager – grad 3*
*Financial Controller - grad 2*
*2 Driver/messenger -grad 9*
*Transport Coordinator - grad 7*
*Clerk– grad 8*
*Accounts support Officer- grad 7*
*Coordinating Officer- grad 7*
*Client relations Officer-grad 6*

Seduta 8
23/05/2022

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – KARIGI U POŻIZZJONIJIET**

**186. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jagħti lista tal-karigi u pożizzjonijiet kollha fi ħdan il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali inkluż ta' kull entità, dipartiment u awtorità li jaqgħu taħt ir-responsabbilità tiegħu u li fid-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari fihom hemm impjegati persuni fuq bażi ta' *person of trust* jew *position of trust*, u għal kull kariga/pożizzjoni jgħid kemm-il persuna hemm impjegata fuq din il-bażi fil-kariga u/jew pożizzjoni u x'inhu t-total tal-ispiża tal-pagi, fuq bażi annwali, fil-karigi u/jew pożizzjonijiet rispettivi?

10/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onorevoli interpellant li tlabt biex l-informazzjoni mitluba tinġabar.

Seduta 8
23/05/2022

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ – KARIGI U POŻIZZJONIJIET**

**187. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jagħti lista tal-karigi u pożizzjonijiet kollha fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ inkluż ta' kull entità, dipartiment u awtorità li jaqgħu taħt ir-responsabbilità tiegħu u li fid-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari fihom hemm impjegati persuni fuq bażi ta' *person of trust* jew *position of trust,* u għal kull kariga/pożizzjoni jgħid kemm-il persuna hemm impjegata fuq din il-bażi fil-kariga u/jew pożizzjoni u x'inhu t-total tal-ispiża tal-pagi, fuq bażi annwali, fil-karigi u/jew pożizzjonijiet rispettivi?

10/05/2022

**ONOR. IAN BORG:** Ninsab infurmat li l-karigi u/jew pożizzjonijiet ingaġġati fuq bażi ta' person of trust jew position of trust jinsabu biss fis-segretarjat tal-Ministeru u li l-informazzjoni relatata hi skont il-Manwal li kopja tiegħu diġà tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 8
23/05/2022

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL – KARIGI U POŻIZZJONIJIET**

**188. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jagħti lista tal-karigi u pożizzjonijiet kollha fi ħdan il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal inkluż ta' kull entità, dipartiment u awtorità li jaqgħu taħt ir-responsabbilità tiegħu u li fid-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari fihom

hemm impjegati persuni fuq bażi ta' *person of trust* jew *position of trust*, u għal kull kariga/pożizzjoni jgħid kemm-il persuna hemm impjegata fuq din il-bażi fil-kariga u/jew pożizzjoni u x'inhu t-total tal-ispiża tal-pagi, fuq bażi annwali, fil-karigi u/jew pożizzjonijiet rispettivi?

10/05/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninsab infurmat li l-lista ta' karigi/pożizzjonijiet ingaġġati fuq bażi ta' person of trust jew position of trust fis-segretarjat tal-Ministeru hi skont il-Manwal li kopja tiegħu diġà tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.
Il-kumplament li mhumiex imniżżlin fil-Manwal huma dawn:

- 2 Policy and Operations Advisor; (Full time Scale3)
- Technical Expert on Drugs, Alcohol and other Dependencies; (Part time €1500 fi xahar)
- Policy & Economics Advisor; (Part time 30hrs Scale 3)
- 2 Support Services Executive (Full time Scale 6)
- ICT Analyst (Full time Scale 6)
- Coordinator-Electoral Manifesto (MSPC) (Full time Scale 4)
- 2 Support Services Coordinator (Full time Scale 10)
- Assistant Support Services Coordinator (Full time Scale 13)
- Support Services Executive (Grade 2 * skond il-ftehim kollettiv ta' FSWS)
- Senior Clients Service Coordinator (Grade 3 * skond il-ftehim kollettiv ta' FSWS)

Seduta 8
23/05/2022

**LEĠIŻLAZZJONI SUSSIDJARJA - TIBDIL**

**265. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jqis li jsir il-bdil leġiżlattiv meħtieġ fil-L.S. 35.01 fejn uħud mid-drittijiet hemm elenkati fattwalment jinġabru minn awtoritajiet pubbliċi u mhux minn dipartimenti tal-Gvern, kif ukoll fejn f'xi istanzi d-drittijiet inkwistjoni huma elenkati taħt Ministeri li jew in-nomenklatura tagħhom inbidlet jew m'għadhomx jeżistu?

16/05/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 8
23/05/2022

**ĦAL QORMI – TRIQ L-IMDINA – FAWRAN TAD-DRENAĠĠ**

**266. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Peress li fi Triq l-Imdina f'Ħal Qormi hemm problema kbira għax malli tagħmel ħalba xita, ifur id-drenaġġ b'detriment lejn is-saħħa tar-residenti Qriema, lejn il-komunità kummerċjali u kull min jaħdem u jiffrekwenta din iż-żona, u billi ta' min jinnota li fl-aħħar xhur il-Ministeru responsabbli mit-trasport u l-infrastruttura wettaq xogħol

ġdid f'din it-triq, għaldaqstant, jista' l-Ministru jispjega x'tip ta' xogħol qed isir biex din il-problema tiġi indirizzata? Jista' jindika wkoll meta din il-problema se tiġi riżolta?

16/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li din il-mistoqsija parlamentari għandha tiġi riferuta lill-Ministeru konċernat.

Seduta 8
23/05/2022

**ĦAL QORMI – TĦADDIM TAL-ISKEMA TAL-PULIZIJA GĦALL-KOMUNITÀ**

**267. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jindika meta se tibda titħaddem l-iskema tal-Pulizija għall-Komunità f'Ħal Qormi?

16/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi huwa previst illi l-Community Policing ġewwa Ħal Qormi jiġi introdott matul is-sena 2023.

Seduta 8
23/05/2022

**ĦAL LUQA – TĦADDIM TAL-ISKEMA TAL-PULIZIJA GĦALL-KOMUNITÀ**

**268. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jindika meta se tibda titħaddem l-iskema tal-Pulizija għall-Komunità f'Ħal Luqa?

16/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi huwa previst illi l-Community Policing ġewwa Ħal Luqa ser tiġi ntrodotta matul is-sena 2023.

Seduta 8
23/05/2022

**SIĠĠIEWI – TĦADDIM TAL-ISKEMA TAL-PULIZIJA GĦALL-KOMUNITÀ**

**269. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jindika meta se tibda titħaddem l-iskema tal-Pulizija għall-Komunità fis-Siġġiewi?

16/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi huwa previst illi l-Community Policing ġewwa s-Siġġiewi ser tibda topera fi ftit xhur oħra din is-sena.

Seduta 8
23/05/2022

**TNAQQIS FIR-RATA TAL-VAT GĦALL-ISTABBILIMENTI TAL-IKEL U X-XORB**

**270. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jindika hemmx ħsieb biex inaqqas ir-rata tal-VAT lill-istabbilimenti tal-ikel u x-xorb biex jagħti spinta u nifs minħabba ż-żieda fl-ispejjeż lil bosta sidien u ħaddiema?

16/05/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi m'hemm l-ebda ħsieb li titnaqqas ir-rata tal-VAT.

Seduta 8
23/05/2022

**ĊIVIL - IMPJEGATI**

**271. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jagħti rendikont ta' kemm persuni hemm impjegati maċ-Ċivil għal dawn l-aħħar għoxrin sena maqsuma sena b'sena?

16/05/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li biex tiġi kkompilata l-informazzjoni kollha kif mitlub, se jispiċċa jinqabeż l-*advisory cost limit*.

Seduta 8
23/05/2022

**AWTORITAJIET STATUTORJI – IMPJEGATI**

**272. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jagħti rendikont ta' kemm persuni impjegati hemm ma' awtoritajiet statutorji, inklużi organizzazzjonijiet parastatali, għal dawn l-aħħar għoxrin sena maqsuma sena b'sena?

16/05/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li biex tiġi kkompilata l-informazzjoni kollha kif mitlub, se jispiċċa jinqabeż l-*advisory cost limit*.

Seduta 8
23/05/2022

**ĊIVIL U AWTORITAJIET STATUTORJI – IMPJEGATI LI GĦANDHOM IMPJIEG IEĦOR**

**273. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid sal-14 ta' Mejju 2022, kemm hemm persuni impjegati maċ-Ċivil u ma' awtoritajiet statutorji, inklużi organizazzjonijiet parastatali li għandhom impjieg ieħor abbażi full-time u/jew part-time, b'mod rispettiv?

16/05/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 8
23/05/2022

**ĊIVIL U AWTORITAJIET STATUTORJI – IMPJEGATI**

**274. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm ġew impjegati persuni maċ-Ċivil u ma' awtoritajiet statutorji, inklużi organizzazzjonijiet parastatali mill-ġurnata li ġie xolt il-Parlament tat-13-il Leġiżlatura, u ċjoè mill-20 ta' Frar tas-sena 2022, sal-ġurnata tal-elezzjoni ġenerali, u ċjoè sas-26 ta' Marzu 2022?

16/05/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 8
23/05/2022

**ĊIVIL U AWTORITAJIET STATUTORJI – IMPJEGATI**

**275. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm persuni ġew impjegati maċ-Ċivil u ma' awtoritajiet statutorji, inklużi organizzazzjonijiet parastatali mill-ġurnata tal-elezzjoni ġenerali, u ċjoè mis-26 ta' Marzu 2022 sal-14 ta' Mejju 2022?

16/05/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 8
23/05/2022

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – KONSULENTI**

**276. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm hemm persuni li ġew impjegati bħala konsulenti mal-Ministeru u/jew Segretarjati sal-14 ta' Mejju 2022, u kemm dawn jitħallsu?

16/05/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari nru 325.

Seduta 8
23/05/2022

**MRIEĦEL BYPASS – ART AGRIKOLA**

**277. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar jekk Infrastructure Malta ħaditx deċiżjoni dwar jekk taċċettax il-proposta tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi biex tkun salvata art agrikola bit-twessiegħ tal-bypass tal-Imrieħel?

16/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nirreferi l-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 261.

Seduta 8
23/05/2022

**SKEMA GĦAL XIRI TAD-DIRETT DOMINJU TEMPORANJU TA' PROPRJETÀ TAL-GVERN JEW PROPRJETÀ MIKRIJA BĦALA RESIDENZA ORDINARJA JEW VILLEĠĠJATURA**

**278. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-iskema tal-2012 għal xiri tad-Dirett Dominju Temporanju (DDT) ta' Proprjetà tal-Gvern jew Proprjetà mikrija wżata bħala residenza Ordinarja jew villeġġjatura, għadhiex fis-seħħ? Kemm persuni bbenefikaw minn din l-iskema?

16/05/2022

**ONOR. SILVO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi b'referenza għall-mistoqsija Parlamentari Nu.278, l-iskema tal-2012 għal xiri tad-Dirett Dominju Temporanju (DDT) ta' Proprjeta' tal-Gvern jew Proprjeta' mikrija/wżata bħala residenza ordinarja/villeġġjatura kienet limitata għal perjodu ta' sitt xhur (20 ta' Frar – 20 ta' Awissu 2012), u għaldaqstant l-iskema 2012 hija llum magħluqa. In-numru ta' applikazzjonijiet sottomessi taħt din l-iskema kienu jammonta għal 1444.

Seduta 8
23/05/2022

**MELLIEĦA – TRIQ IL-MARFA - XOGĦLIJIET**

**279. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jindika meta se jitlesta x-xogħol li għaddej fi Triq il-Marfa fil-Mellieħa, liema xogħol qed jikkawża inkonvenjent lis-sewwieqa li jgħaddu minn hemm?

16/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** L-ewwel fażi tax-xogħlijiet fi Triq Il-Marfa, fil-Bajja tal-Għadira, tlestiet u l-erba' korsiji ta' din it-triq reġgħu nfetħu fi tmiem il-ġimgħa li għaddiet. F'dan il-proġett, Infrastructure Malta qed taħdem mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma biex tqiegħed pajpijiet kbar tal-ilma taħt il-karreġġjata tat-tramuntana ta' din it-triq u sussegwentement terġa' tibni din il-karreġġjata b'bankini ġodda u punti minn fejn tista' taqsam bil-mixi (pedestrian crossings).

Dawn in-netwerks ġodda taħt l-art jinkludu wkoll pajp ta' 600 millimetru li jifforma parti mill-proġett tal-Korporazzjoni li tgħaqqad il-ġibjuni tagħha f'Ta' Qali mar-reverse osmosis taċ-Ċirkewwa u Ħondoq ir-Rummien, biex ittejjeb il-kwalità tas-servizzi tagħha f'Malta. Ħafna mill-4.8 kilometri ta' pajpijiet tal-ilma meħtieġa mill-Korporazzjoni f'din it-triq issa huma lesti.

Ix-xogħlijiet finali fil-karreġġjata lejn it-tramuntana se jkomplu wara s-sajf. Sadanittant, il-karreġġjata lejn in-nofsinhar se terġa' tinbena bħala parti minn proġett separat tal-Ministeru għat-Turiżmu biex tiġi riġenerata l-promenade ta' din il-bajja, skedata li tibda f'Ottubru 2022.

Seduta 8
23/05/2022

**MELLIEĦA – STUDJI/PJANTI DWAR IL-PROĠETT TA' TRIQ IL-MARFA**

**280. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-istudji/pjanti approvati kollha li saru b'rabta mal-proġett ta' Triq il-Marfa fil-Mellieħa?

16/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Intepellant, li peress li t-triq indikata hija twila mhux ħazin, minn ħdejn is-Santwarju tal-Madonna fil-qalba tal-lokalità, saċ-Ċirkewwa, u peress li f'din it-triq saru, qed isiru jew hemm ippjanat li jsiru għadd ta' proġetti, jista' jispeċifika għal liema proġett jew xogħlijiet qed jirreferi.

Seduta 8
23/05/2022

**MELLIEĦA – TRIQ IL-MARFA – KONĠESTJONI TAT-TRAFFIKU – PULIZIJA/UFFIĊJALI TAL-KOMUNITÀ**

**282. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi r-raġuni li filwaqt li l-konġestjoni tat-traffiku fi Triq il-Marfa fil-Mellieħa qed tiġi esperjenzata f'livelli bla preċedent, mhux qed ikun hemm pulizija/uffiċjali tal-komunità/uffiċjali ta' Transport Malta fuq il-post sabiex jorganizzaw aħjar is-sitwazzjoni prekarja ta' inkonvenjent li nħolqot u qed tkompli tinħoloq b'mod regolari lis-sewwieqa li jgħaddu miż-żona?

16/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi dwar il-konġestjoni tat-traffiku kkawżat minħabba xogħlijiet li qed isiru fi Triq il-Marfa fil-Mellieħa, il-Pulizija mit-Taqsima tat-Traffiku u l-Uffiċjali tal-komunità, kontinwament ikunu fuq il-post biex jikkontrollaw it-traffiku, flimkien ma' entitajiet oħrajn mhux taht il-Ministeru ta' l-Intern, is-sigurtà, ir-riformi u l-ugwaljanza, u kemm jista' jkun inaqqsu l-inkonvenjent lis-sewwieqa, li jużaw din it-triq. Wieħed irid japprezza illi temporanjament qed tintuża karreġjata waħda.

Seduta 8
23/05/2022

**REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA – MEMBRI TAL-BORD**

**308. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tagħti rendikont tal-proċedura li użat biex ħatret il-membri tal-Bord tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma li ġew appuntati fit-12 ta' Ottubru, 2021?

16/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġibiet li tajt għall-Mistoqsijiet Parlamentari 22505, 22827 u 23696 tat-Tlettax-il Leġiżlatura.

Seduta 8
23/05/2022

**ĦAL QORMI – PROĠETT FI TRIQ L-GĦARGĦAR U L-WIED – KONSULTAZZJONI**

**309. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Peress li rċevejt numru ta' ilmenti mir-residenti li qed juru t-tħassib tagħhom dwar il-proġett fi Triq l-Għargħar u l-Wied f'Ħal Qormi,fejn ir-residenti qed jisħqu li ma saritx konsultazzjoni biżżejjed u ma jafux eżattament x'se jkun qed isir, għaldaqstant jista' l-Ministru jgħid jekk saritx konsultazzjoni serja mar-residenti? Jista' l-Ministru jikkonferma li l-ispjazju ta' parkeġġ mhux se jonqos? Jista' wkoll il-Ministru

jikkonferma li l-proġett mhux se joħloq iktar inkonvenjent, li jista' jipperikola ħajjet in-nies, vis-à-vis l-ilma li jkollu jgħaddi kull sena miż-żona?

16/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li din il-Mistoqsija Parlamentari għandha tiġi riferuta lill-Ministeru konċernat.

Seduta 8
23/05/2022

**PANDEMIJA TAL-COVID-19 - SPIŻA**

**310. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jindika kemm ġiet tiswa lill-pajjiżna s'issa, mil-lat mediku biss, il-pandemija tal-COVID-19?

16/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi peress li ma jinżammux dettalji finanzjarji ta' kemm tkun swiet il-kura ta' kull pazjent individwali fis-servizz tas-saħħa tagħna, huwa diffiċli illi naslu għall-figura li qed jitlob hu.

Seduta 8
23/05/2022

**SPTAR MATER DEI – TAQSIMA TAL-KURA INTENSIVA - SPIŻA GĦAL KULL SODDA**

**311. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jindika kemm hi l-ispiża għall-Gvern Malti ta' kull sodda fit-Taqsima tal-Kura Intensiva, (ITU), meta tkun okkupata minn pazjenti li jkollhom kumplikazzjonijiet kaġun tal-COVID-19? Jista' jgħid sal-lum, minn meta tfaċċa l-ewwel każ tal-COVID-19 f'pajjiżna, kemm kienu l-pazjenti li ġew rikoverati fit-Taqsima tal-Kura Intensiva tal-Isptar Mater Dei?

16/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-ispiza ta' kull sodda għall-kull lejl fit-taqsima tal-kura intensiva hija ta bejn €1,325 - €1,500. Din hija figura medja li tvarja minn pazjent għall-ieħor. In-numru totali ta pazjenti li ġew rikoverati fl-ITU u li kellhom kumplikazzjoniiet ikkawzati mill-Covid-19 sal-Ġimgħa 20 ta' Mejju kienu 352.

Seduta 8
23/05/2022

**MELLIEĦA – KUNSILL LOKALI – INFIQ TA' FLUS F'KAMRA PARTI MILL-BARRACKS**

**312. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa nefaq flus u fiex nefaqhom (b'mod separat) sa mill-2013 sal-lum fil-kamra (parti mill-barracks) devoluta lilu li tinsab fid-daħla tal-Park tal-Majjistral, liema devoluzzjoni kienet saret qabel l-2013?

16/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li attwalment il-binja msemmija ġiet devoluta lill-Bord tal-Park tal-Majjistral permezz ta' ftehim iffirmat fid-19 ta' Novembru 2011, bl-obbligu li tenement E26228 jiġi allokat lill-Kunsill Lokali bħala on-side reference point u uffiċċju.

L-ispejjeż li saru fuqha sal-lum saru fl-2016 u kienu jammontaw għal €1,308. Dawn kienu jinvolvu l-aperturi sabiex il-binja tkun sikura mill-vandaliżu u okkupazzjoni illegali.

Seduta 8
23/05/2022

**ELECTROGAS POWER STATION (DELIMARA 4) – PREZZ LI BIH KIEN QED JINXTARA L-ELETTRIKU**

**317. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tikkonferma lill-Kamra li mill-5 ta' April, 2022 spiċċa ż-żmien tal-prezz fiss li bih kien qed jinxtara l-elettriku mill-power station tal-Electrogas (Delimara 4) abbażi tal-Power-Purchase Agreement, skont ma kkonferma l-Awditur Ġenerali fir-rapport tiegħu pubblikat f'Novembru 2018, u li l-prezz medju li bih inxtara kull unit ta' enerġija minn Delimara 4 issa li beda l-"indexed price period" mill-5 ta' April sa meta tkun qed tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

16/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Indexed Price period beda mill-14 ta' April u l-prezz medju li bih jinxtara l-elettriku mill-impjant magħruf bħala Delimara 4 huwa ta' €85.81/MWh. Ma' dan il-prezz, l-Enemalta tixtri wkoll l-EU Emissions Allowances, magħrufa wkoll bħala Carbon Emissions, li l-prezz medju fis-suq bħalissa jirriżulta nefqa ta' €20.73/MWh.

Kif jaf l-Onorevoli intepellant, dan mhux l-uniku sors minn fejn tinxtara l-enerġija. Fost oħrajn hemm l-interconnector li l-prezz medju tiegħu f'April kien ta' €258.25/Mwh, li ma jinkludix ċerti spejjeż anċillari.

Seduta 8
23/05/2022

**QAWRA – SKOLA PRIMARJA – PARKEĠĠ - FTUĦ**

**318. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 112 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 24311 tat-13-il Leġiżlatura, jista' l-Ministru jagħti informazzjoni dwar jekk hemmx pjan li dan il-parkeġġ jinfetaħ sal-aħħar ta' Mejju, 2022? Jekk iva, meta hi d-data li hemm il-ħsieb li fiha dan il-parkeġġ jinfetaħ? Jekk le, meta hi d-data li hemm il-ħsieb li fiha dan il-parkeġġ jinfetaħ?

17/05/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzzjoni, flimkien mall-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada, jinfurmaw lill-Onor. Interpellanta li l-parkeġġ huwa maħsub li jinfetaħ għall-pubbliku fix-xahar ta Lulju.

Seduta 8
23/05/2022

**MALTA METRO - DIRECT ORDERS**

**319. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għad-direct orders li ngħataw relatati mal-Malta Metro, jista' l-Ministru jgħid liema hija ċ-ċifra korretta u ċjoè jekk hux is-somma ta' €77,000 skont dak li wieġeb l-Onor. Ian Borg fil-Parlament meta matul il-leġiżlatura li għaddiet kien jokkupa l-kariga ta' Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, jew jekk hix is-somma ta' €424,000 li ġiet pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern?

Jista' l-Ministru jgħid jekk jafx b'dawn id-direct orders? Jekk iva, jista' jgħid għaliex għadu ma tkellimx dwarhom u jekk le jistax jgħid x'beħsiebu jagħmel dwarhom?

17/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari numru 122.

Seduta 8
23/05/2022

**MALTA METRO - DIRECT ORDERS**

**320. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk jafx bid-direct orders li ngħataw relatati mal-Malta Metro? Jekk iva, jista' jgħid għaliex għadu ma tkellimx dwarhom u jekk le jistax jgħid x'beħsiebu jagħmel dwarhom?

17/05/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninsab infurmat li d-dettalji dwar dawn id-direct orders ġew ippubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern.

Seduta 8
23/05/2022

**GĦAWDEX - TRIQ L-IMĠARR U TRIQ SANT ANTNIN - PJANIJIET FUQ JUNCTION**

**321. L-ONOR. ABIGAIL CAMILLERI** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanijiet dwar il-Junction li ser issir bejn Triq l-Imġarr u Triq Sant'Antnin?

17/05/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-pjanijiet dwar il-junction li se ssir bejn Triq l-Imġarr u Triq Sant'Antnin hija skont il-permess tal-Awtorita tal-Ippjanar PA/00522/21.

Seduta 8
23/05/2022

**MINISTRI, SEGRETARJI PARLAMENTARI U ASSISTENTI - BENEFIĊĊJI GĦAL UŻU TAL-MOBILE**

**322. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid x'benefiċċji jieħdu l-Assistenti Personali tas-Segretarji Parlamentari u l-Ministri, fejn jidħol l-użu tal-mobajl? Dawn il-benefiċċji żdiedu matul dawn l-aħħar ħames snin?

17/05/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari nru 184. Rigward dawn il-benefiċċji, ninsab nfurmat li din l-allokazjoni kienet l-istess f'leġiżlaturi preċidenti.

Seduta 8
23/05/2022

**ĊEKKIJIET TA' QABEL L-ELEZZJONI ĠENERALI**

**323. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk kinux tqassmu kollha ċ-ċekkijiet ta' qabel l-Elezzjoni Ġenerali, dawk tar-Rifużjoni tat-Taxxa u ċ-ċekk għall-pensjonanti? Jista' jagħti l-każ li xi wħud għadhom ma rċevewhomx?

17/05/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ċ-ċekkijiet tar-rifużjoni tat-taxxa u ċ-ċekkijiet ta' stimolu tqassmu kollha. Niġbed l-attenzjoni li dawn tal-aħħar tqassmu, bl-iskop li jilqgħu għaż-żieda fil-prezzijiet li kien hemm dak iż-żmien, lil kull min għalaq 16-il sena u mhux lill-pensjonanti biss. Waqt li dawn tal-aħħar ħadu €200 kull wieħed, il-bqija rċevew €100 kull wieħed. Persuni li huma eliġibbli għal dan iċ-ċekk u ma rċevewhx jistgħu jċemplu l-Freephone 153 ta' servizz.gov biex jivverifikaw li ċ-ċekk tagħhom ħareġ u f'liema indirizz intbagħat."

Seduta 8
23/05/2022

**IN-WORK POVERTY**

**324. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet ir-rata ta' in-work povertyf'Malta kull sena fil-perjodu bejn l-2012 u sal-jum li fih tiġi mwieġba din l-interpellanza?

17/05/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija numru 24181 tal-Leġizlatura XIII

Seduta 8
23/05/2022

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINSITRU - KONSULENZI**

**325. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru u/jew Segretarju Parlamentari jagħti rendikont tal-ammont ta' konsulenzi li tħallsu mill-Ministeru bejn l-2017 u l-2022? Lil min ingħataw u f'liema ammonti ngħataw? Jista' jgħid min huma l-konsulenti u b'liema proċess ġew maħtura konsulenti? Jista' jgħid ukoll x'tip ta' servizz taw u x'tip ta' kuntratti kienu?

17/05/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Filwaqt li nirreferi lill- Onor Interpellant għat-tweġibiet tal-Mistoqsijiet Parlamentari numri 5265 u 17087 tal-Leġislatura nru 13, inżid li minn April 2022 'l hawn kien hemm dawn l-konsulenti. Irid jingħad illi dawn il-konsulenzi għadhom ma tħallsux.

| Lill min ingħatat il-konsulenza | Tip ta' servizz | Ammont € VAT eskluż |
|---|---|---|
| Dr Alexei Dingli | Servizzi ta' Konsultazzjoni fuq Artificial Intelligence | €9,500 |
| Profs Gordon Pace | Servizzi ta' Konsultazzjoni fuq Smart Contracts u Blockchain | €9,750 |
| Profs Saviour Formosa | Servizzi ta' Konsultazzjoni fuq Spatial Data | €9,900 |

Seduta 8
23/05/2022

**DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦAS-SAĦĦA - KONSULENZI**

**326. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jagħti rendikont tal-ammont ta' konsulenzi li tħallsu mill-Ministeru bejn l-2017 u l-2022? Lil min ingħataw u f'liema ammonti ngħataw? Jista' jgħid min huma l-konsulenti u b'liema proċess ġew maħtura konsulenti? Jista' jgħid ukoll x'tip ta' servizz taw u x'tip ta' kuntratti kienu?

17/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi t-total ta' konsulenti li jaħdmu mad-dipartiment tas-Saħħa u li qed jagħtu servizz mediku lill-pazjenti Maltin u Għawdxin huwa 343, li minnhom 76 konsulenti ġew ingaġġati mill-2020 sal lum. Dawn il-konsulenti inħattru permezz ta' sejħa għall- Applikazzjonijiet. . Il-kuntratti tagħhom huma indefiniti u skont il-ftehim settorali.

Seduta 8
23/05/2022

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - KONSULENZI**

**327. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru u/jew Segretarju Parlamentari jagħti rendikont tal-ammont ta' konsulenzi li tħallsu mill-Ministeru bejn l-2017 u l-2022? Lil min ingħataw u f'liema ammonti ngħataw? Jista' jgħid min huma l-konsulenti u b'liema proċess ġew maħtura konsulenti? Jista' jgħid ukoll x'tip ta' servizz taw u x'tip ta' kuntratti kienu?

17/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onorevoli interpellant li tlabt biex l-informazzjoni mitluba tinġabar.

Seduta 8
23/05/2022

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - KONSULENZI**

**328. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-ammont ta' konsulenzi li tħallsu mill-Ministeru bejn l-2017 u l-2022? Lil min ingħataw u f'liema ammonti ngħataw? Jista' jgħid min huma l-konsulenti u b'liema proċess ġew maħtura konsulenti? Jista' jgħid ukoll x'tip ta' servizz taw u x'tip ta' kuntratti kienu?

17/05/2022

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra dwar Konsulenti ngaġġati mall-Ministeru mill-2017 sal-20 ta' Mejju 2022.

Dawn il-konsulenti ġew ingaġġati b'Contracts for Service.

Seduta 8
23/05/2022

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - KONSULENZI**

**329. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-ammont ta' konsulenzi li tħallsu mill-Ministeru bejn l-2017 u l-2022? Lil min ingħataw u f'liema ammonti ngħataw? Jista' jgħid min huma l-konsulenti u b'liema proċess ġew maħtura konsulenti? Jista' jgħid ukoll x'tip ta' servizz taw u x'tip ta' kuntratti kienu?

17/05/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 8
23/05/2022

**EUROPEAN CHILD GUARANTEE**

**447. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: B'referenza għall-European Child Guarantee,
inizjattiva li tiggarantixxi li tfal fil-bżonn ikollhom aċċess għal servizzi essenzjali u b'hekk timpedixxi u tiġġieled il-faqar fost it-tfal, u peress li din kienet imħabbra mill-Kummissjoni Ewropea fl-2019 u ġiet adottata mill-Kunsill tal-Ewropa f'Ġunju 2021 u kull stat membru kellu jissottometti National Action Plan sa Marzu 2022, jista' l-Ministru jgħid:
1. Jekk dan sarx minn Malta;
2. Jekk le, min ser ikun involut fit-tfassil ta' dan il-pjan; u
3. Meta se jitlesta?
17/05/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li, l-Gvern qed jiddiskuti l-abbozz hekk imsejjaħ National Action Plan dwar il-European Child Guarantee li mistenni ikun lest sa Ġunju.

Seduta 8
23/05/2022

**IL-KALKARA - TRIQ MISSJONI TALJANA - POINTS TAL-ILMA ĠODDA**

**448. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tispjega għaliex fi Triq il-Missjoni Taljana, il-Kalkara, saru 3 points tal-ilma ġodda tul it-triq li mill-20 ta' Mejju 2020 s'issa jidher li mhuma konnessi ma mkien, u x'inhu l-iskop li għalih saru?

17/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-"3 points tal-ilma" li qed jirreferi għalihom huma pedestalli tal-ħadid li magħhom għad jonqos li jiġu installati l-pompi tal-ilma awtomatiċi. L-installazzjoni tagħhom tagħmel parti min-network il-ġdid tan-New Water fin-Nofsinhar ta' Malta; network li qed jinfirex u li qed jibda jintuża gradwalment.

Seduta 8
23/05/2022

**KIRKOP TUNNELS U AIRPORT INTERSECTION PROJECT**

**449. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jaġġorna lill-Kamra fiex wasal il-Kirkop Tunnels and Airport Intersection Project, li kien imwiegħed li jkollu lanes minnu lesti u miftuħa fl-ewwel kwart ta' din is-sena? Jista' jgħid meta dan il-proġett huwa mistenni li jkun lest għalkollox?

17/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Kirkop Tunnels and Airport Intersection Project (KTAIP) ser joffri konnessjonijiet eħfef u aktar siguri lejn Ħal Luqa, il-Gudja, Birżebbuġa, Ħal Kirkop, l-Imqabba, il-Qrendi, ż-Żurrieq u Ħal Safi kif ukoll inħawi oħrajn fil-viċinanzi.

Il-proġett jinkludi wkoll il-bini mill-ġdid tar-roundabout tal-Gudja u flyover li se tgħaddi minn fuqha, kif ukoll faċilitajiet ġodda għal mezzi alternattivi tal-ivvjaġġar. Se jtejjeb ukoll l-aċċess lejn l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u l-Port Ħieles, żewġ destinazzjonijiet kruċjali għal diversi setturi tal-ekonomija.

Ir-roundabout tal-Gudja tinsab f'salib it-toroq ma' diversi toroq arterjali, li jinkludu Vjal l-Avjazzjoni, minn u lejn Ħal Luqa, il-Marsa u Ħal Qormi; Triq Dawret il-Gudja, lejn il-Gudja u Ħal Għaxaq; Triq Ħal Far, minn u lejn Ħal Far, il-Freeport u Birżebbuġa; u Triq l-Ewwel Titjira li tgħaqqad ir-roundabout mal-mini ta' Ħal Kirkop. Hemm ukoll Triq il-Karwija, li twassal għall-Ajruport.

Il-mina ġdida se toħloq konnessjoni diretta u aktar sigura bejn il-karreġġjati tan-nofsinhar u tat-tramuntana ta' Vjal l-Avjazzjoni u dawk ta' Triq Ħal Far. B'hekk, dawk li jkunu għaddejjin f'din ir-rotta, inkluż vetturi kbar, ġejjin minn jew sejrin lejn Birżebbuġa, il-Port Ħieles jew il-Qasam Industrijali ta' Ħal Far, ma jkollhomx għalfejn iduru mar-roundabout.

Fuq il-mina, Infrastructure Malta se tibni mill-ġdid ir-roundabout eżistenti u l-korsiji tal-bypass b'disinn imtejjeb biex tiffaċilita l-aċċess minn u lejn il-Gudja, Ħal Għaxaq u l-Ajruport. Fit-tielet livell imbagħad, fuq ir-roundabout se jkun hemm il-flyover li sservi ta' pont bejn il-karreġġjata tan-nofsinhar ta' Vjal l-Avjazzjoni u Triq l-Ewwel Titjira, fid-direzzjoni lejn il-mini ta' Ħal Kirkop. Għaldaqstant, jekk tkun trid tiġbed lejn il-mini ta' Ħal Kirkop biex tibqa' sejjer Ħal Kirkop, l-Imqabba, l-Qrendi, ż-¯urrieq jew Ħal Safi mhux se jkollok bżonn aktar tgħaddi mar-roundabout.

KTAIP u Luqa Junction Project, li qed jinbena biswitu u jinkludi ukoll il-bini ta' flyover oħra, huma l-ikbar żewġ proġetti li Infrastructure Malta qed taħdem fuqhom din is-sena fit-toroq arterjali. L-ewwel korsiji ta' KTAIP, b'konnessjoni aħjar minn Ħal Far lejn ir-roundabout tal-Ajruport, ser jinfetħu fil-ġimgħat li ġejjin, hekk kif kien oriġinarjament ippjanat li dawn jiftħu fl-ewwel nofs tas-sena.

Ix-xogħlijiet f'dawn l-inħawi jeħtieġ li jsiru b'attenzjoni kbira għal fdalijiet arkeoloġiċi li jista' jkun hemm mirdumin taħt l-art. Fil-fatt, kull xogħol ta' tħaffir qed isir taħt is-superviżjoni ta' arkeologi approvati mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali. Fejn jinstabu fdalijiet t'importanza storika, Infrastructure Malta qed taħdem mas-Sovrintendenza ħalli tippriservahom billi tadatta l-pjanti tal-proġett. Ix-xogħlijiet kollha ta' KTAIP mistennija jkunu lesti fl-ewwel kwart tas-sena 2023. Madankollu, il-flyovers taż-żewġ proġetti ppjanati li jibdew jintużaw qabel l-aħħar ta' din is-sena.

L-istrutturi tal-azzar li se jiffurmaw il-gvieret taż-żewġ flyovers qed jinħadmu ġewwa fabbrika f'Sevilja, Spanja u l-ewwel partijiet minnhom mistennija jibdew il-vjaġġ tagħhom lejn Malta fil-ġimgħat li ġejjin.

Fuq is-siti tal-proġetti, il-kuntratturi tal-aġenzija diġà bnew il-kolonni tal-konkos li ser iserrħu fuqhom il-flyovers kif ukoll ir-rampi li jwasslu għalihom. Il-flyover ta' ħdejn l-ajruport se tkun twila 400 metru u ser toffri korsija diretta minn Ħal Luqa lejn il-Mini ta' Ħal Kirkop. Il-gverta ta' din il-flyover ser tkun magħmula minn 7 biċċiet tal-azzar li jiżnu 300 tunnellata. Miexi ġmielu wkoll it-tħaffir u l-bini tal-mina taħt ir-roundabout tal-Ajruport. Fil-ġimgħat li għaddew il-ħaddiema bdew isaqqfu l-ewwel biċċiet minnha.

Flimkien, il-KTAIP u Luqa Junction Project se jnaqqsu l-ħin tal-ivvjaġġar sa 74% f'kull direzzjoni tul din ir-rotta. Ser jeliminaw ukoll żewġ żoni magħrufin għall-aċċidenti, billi jneħħu l-ħtieġa li vetturi jaqsmu kontra xulxin fiż-żewġ roundabouts. Fl-istess waqt, permezz ta' faċilitajiet aktar siguri, se jonqsu wkoll ir-riskji t'aċċidenti għal dawk li jkunu għaddejjin f'din iż-żona bil-mixi jew bir-rota.

Dawn iż-żewġ proġetti se jwasslu ukoll għal titjib sinjifikanti fil-kwalità tal-arja f'Ħal Luqa, il-Gudja u nħawi oħrajn fil-viċin. Fil-fatt, huwa stmat li se jnaqqsu sa 9 tunnellati emissjonijiet tal-materja partikulata kull sena. Bl-istess mod, l-emissjonijiet tad-dijossidju tal-karbonju, li huma fost l-ikbar kontributuri tal-kriżi fil-klima, se jonqsu bi 33,000 tunnellata kull sena.

**INFERMIERA LI RRIŻENJAW**

**450. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm irreżenjaw infermiera, sena b'sena, mill-2017 sal-2022?

17/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-medja fis-sena bejn l-2017 u l-2021 tal-infermiera li rreżenjaw kienet 83.

Seduta 8
23/05/2022

**TRASFERIMENT TA' INFERMIERA MINN SPTAR MATER DEI GĦAL KURA PRIMARJA**

**451. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il infermier ġie trasferit mill-Isptar Mater Dei lejn il-Kura Primarja fis-snin 2021 u 2022, maqsuma xahar b'xahar?

17/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi fl-Lulju, f'Settembru u Ottubru tal-2021 kien hemm infermiera waħda għal kull xahar rispettivament li ġiet trasferita mill-Isptar Mater Dei lejn il-Kura Primarja filwaqt li f'Jannar ta' din is-sena kien hemm 5.

Seduta 8
23/05/2022

**SPTAR MATER DEI - FTUĦ TAS-PSYCHIATRIC UNIT**

**452. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jispjega x'inhu l-pjan biex fl-Isptar Mater Dei jerġa' jinfetaħ il-Psychiatric Unit li kien ingħalaq minħabba l-pandemija COVID-19, speċjalment issa li d-Deputat Prim Ministru kien qal li aħna bħala pajjiż ħriġna mill-istess pandemija?

17/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li wara li inghalqet is-Psychiatric Unit ta' Mater Dei, kazi akuti ta Mard Mentali li jidhlu permezz tal-emergenza jinghataw kura minn tim psikjatriku residenti f'Mater Dei. Pazjenti ohra li il-kura psikjatrika taghhom hija parti minn kura holistika ta' mard iehor xorta jinghataw kura f'Mater Dei. Sa dan it-tant servizz gdid fejn team ta' professjonisti jara kazi akuti godda fil-kommunita u hafna drabi fid-dar tal-pazjent stess qed iwassal biex anqas pazjenti ikunu riferuti lejn l-isptar Monte Karmeli.
Seduta 8
23/05/2022

**ĦADDIEMA BARRANIN INGAĠĠATI FIS-SETTUR TAS-SAĦĦA - TAĦRIĠ FIL-LINGWA MALTIJA**

**453. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hux qed isir taħriġ tal-lingwa Maltija lill-ħaddiema ta' nazzjonalitajiet barranin li jiġu ingaġġati bħala ħaddiema fis-settur tas-saħħa? Jekk iva, ta' liema livell huwa l-Malti?

17/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi ħaddiema ta' nazzjonalitajiet barranin li jiġu ingaġġati mal Ministeru għas-saħħa huma mitluba li jtemmu b' suċċcess kors ta' taħriġ fl-ilsien Malti. Dan huwa wieħed mill- kundizzjonijiet imniżżlin fil-kuntratt tal-impieg tax-xogħol. Dan il-kors li huwa organizzat mill- Universita ta' Malta. Hemm żewg livelli ta' dan il-kors, maqsum f'żewg partijiet. It-tobba, l-ispiżjara u d-dentisti huma obbligati jgħaddu miż-żewġ livelli tal-kors u l-kumplament tal-impjegati jridu jgħaddu mill-ewwel livell biss.
L-Universita ta' Malta ilha għaddejja b'dawn il-korsijiet għal madwar seba' (7) snin pero' l-impjegati jistgħu jattendu kors tal-Malti x'imkien iżda jridu jgħaddu mill-eżami tal-Universita' ta' Malta.
Iż-żewġ taqsimiet huma ta' Livell Introduttorju B fil-Qafas tal-Kwalifiki ta' Malta (MQF).

Seduta 8
23/05/2022

**MEDIĊINI GĦAS-SAĦĦA MENTALI**

**454. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jagħti indikazzjoni ċara ta' meta dawk il-mediċini li jintużaw ta' kuljum minn eluf ta' nies minħabba saħħa mentali, liema mediċini ġew identifikati mill-esperti fis-saħħa mentali hekk kif mitlub mill-istess ministru, ser jiddaħħlu fuq il-formularju?

17/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill Onorevoli Interpellant biex jispeċifika għal-liema mediċini qiegħed jirreferi.

Seduta 8
23/05/2022

**SPTAR MATER DEI - OUT-PATIENTS BLOCK**

**455. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid f'liema stadju wasal ix-xogħol fuq l-'outpatients block' ġdid li kellu jinbena qrib l-Isptar Mater Dei u meta ser ikun qed jinfetaħ?

17/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi t-tim responsabbli minn dan il-proġett qieghed f'diskussjonijiet mad-Dipartiment tal-Kuntratti dwar it-tfassil tat-*tender documents*.

Seduta 8
23/05/2022

**SVPR – NURSING STAFF**

**468. L-ONOR. DEO DEBATTISTA** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm nursing staff li jaħdem ġewwa r-Residenza San Vinċenz de Paule (SVPR)? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn in-nurses huma barranin?

18/05/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li b'kollox hemm 428 persuna fi gradi ta' nursing fir-residenza San Vinċenz de Paul. Minn dawn, 57 huma barranin.

Seduta 8
23/05/2022

**SWIEQI – TRIQ IL-MIŻURA – WIĊĊ ĠDID**

**469. L-ONOR. MICHAEL FARRUGIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jara li jingħata wiċċ ġdid fi Triq il-Miżura, Swieqi, minħabba li din it-triq tintuża minn ħafna karozzi u għandha ħafna ħsarat fil-wiċċ tagħha?

18/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** It-titjib fl-infrastruttura ta' pajjiżna jinsab fuq quddiem nett tal-ħidma ta' dan il-Gvern. Dan l-impenn qed jitwettaq permezz ta' pjan ta' ħidma b'investiment bla preċedent biex fis-snin li ġejjin inkomplu ntejbu l-kwalità, l-effiċjenza u s-sigurtà tal-infrastruttura tat-toroq fil-pajjiż. Dan il-pjan qed jiġi mwettaq b'mod gradwali, iżda mingħajr telf ta' ħin, sabiex nilħqu din il-mira mill-aktar fis.

Bħala parti minn dan il-pjan, Infrastructure Malta qed twettaq ħafna proġetti biex ittejjeb is-sigurezza u s-sostenibilità tas-sistema tat-toroq ewlenin, toħloq infrastruttura ta' kwalità u ambjent aħjar fit-toroq residenzjali f'kull lokalità u tibni mill-ġdid ukoll ħafna toroq sekondarji oħra, fosthom kilometri ta' toroq rurali fil-kampanja. Dan l-investiment diġa qed iħalli l-frott mixtieq, b'għexieren ta' toroq residenzjali mibnija mill-ġdid u b'ħafna proġetti ta' titjib fit-toroq ewlenin tas-sistema tat-trasport bl-art f'pajjiżna.

Fl-2021, it-tielet sena tal-programm nazzjonali għat-titjib ta' toroq residenzjali, Infrastructure Malta lestiet il-bini mill-ġdid ta' madwar 220 triq residenzjali oħra. Dan ifisser li għolliet il-medja tat-toroq residenzjali għal erba' toroq fil-ġimgħa – triq aktar kull ġimgħa mis-sena 2020. Kompliet ukoll il-ħidma tagħha fit-toroq rurali fejn tejbet mal-100 triq oħra qalb il-kampanja.
ċ
Fi tliet snin kemm ilha mwaqqfa, bejn toroq residenzjali u dawk rurali, Infrastructure Malta bniet mill-ġdid u għamlet titjib f'aktar minn 830 triq. L-aġenzija tejbet il-kwalità ta' dawn it-toroq fl-istess żmien li lestiet fost l-ikbar proġetti ta' toroq arterjali u faċilitajiet marittimi

f'pajjiżna u filwaqt li baqgħet għaddejja bi programm kontinwu ta' tiswijiet u manuntenzjoni f'ħafna toroq oħrajn.

Infrastructure Malta qed taħdem mal-Kunsilli Lokali kollha biex gradwalment tibni mill-ġdid it-toroq kollha li jinsabu fi stat ħażin, u t-triq indikata hija fost it-toroq li se jinbnew mill-ġdid bħala parti minn din il-ħidma mifruxa fuq seba' snin. Fl-istess waqt il-Kunsilli Lokali għandhom ir-riżorsi meħtieġa sabiex ikomplu jagħmlu t-tiswijiet temporanji u manutenzjoni li kull triq tkun teħtieġ minn żmien għal żmien.

Seduta 8
23/05/2022

**IVF – INTERVENTI**

**470. L-ONOR. MICHAEL FARRUGIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm twieldu trabi f'Malta permezz tal-IVF fis-snin 2017, 2018, 2019, 2020, 2021 u 2022 separatament? Jista' jgħid ukoll, għal kull sena, kemm minn dawn l-interventi suċċess tal-IVF saru barra minn Malta, lokalment fis-settur privat u lokalment fl-Isptar Mater Dei?

18/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-Awtorita' għall-Protezzjoni tal-Embrijun bħala r-Regulatur tal-Prokreazzjoni Assistita, bdiet tiġbor l-istatistika mis-sena 2013 minn meta ġiet stabbilita l-Awtorita. In-numru ta' trabi imwielda mill-proċeduri tal- IVF (IVF u ICSi imma ma jinkludux IUI) huwa sal-lum 404 tarbija, kif spjegat fit-tabella hawn taħt.

| *year cycles carried out* | *Babies (livebirths) born from MDH Cycles* | *Babies (livebirths) born from Private tissue establishment cycles (St James)* | *Total babies (livebirths) born from cycles carried out in the respective year* |
|---|---|---|---|
| *2013* | *0* | *25* | *25* |
| *2014* | *0* | *41* | *41* |
| *2015* | *41* | *31* | *72* |
| *2016* | *50* | *12* | *62* |
| *2017* | *44* | *17* | *61* |
| *2018* | *44* | *14* | *58* |
| *2019* | *15* | *9* | *24* |
| *2020* | *26* | *1* | *27* |
| *2021** | *29* | *5* | *34* |
| ***Total*** | ***249*** | ***155*** | ***404*** |

**** Babies born up to 12th May 2022.***
***14 other babies are expected to be born from MDH for cycles done in 2021***

***** From IVF cycles carried out to date for Year 2022***

***6 babies are expected to be born (3 from MDH, 3 from HOPE Fertility Clinic (new licenced clinic)***

Seduta 8
23/05/2022

**NAXXAR – TRIQ IS-SENESKALK – WIĊĊ ĠDID**

**471. L-ONOR. MICHAEL FARRUGIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jara li jingħata wiċċ ġdid lit-Triq is-Seneskalk, in-Naxxar?

18/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari numru 469.

Seduta 8
23/05/2022

**KAP. 379 – INVESTIGAZZJONIJIET DWAR ALLEGAT KSUR TAL-LIĠIJIET DWAR IL-KOMPETIZZJONI**

**472. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid wara li saru l-emendi għall-Att dwar il-Kompetizzjoni Kap. 379 tramite l-Att Numru XVI tal-2019 u dan fid-dawl tad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tat-3 ta' Mejju 2016 fil-każ tal-Federation of Estate Agents kontra d-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) et, jekk sussegwentament għal dawn l-emendi sarux xi investigazzjonijiet da parti tad-DG (Kompetizzjoni) dwar xi allegat ksur tal-liġijiet dwar il-kompetizzjoni u jekk saru, x'kien l-eżitu?

18/05/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 8
23/05/2022

**KAP. 379 – INVESTIGAZZJONIJIET FORMALI DWAR ALLEGAT KSUR TAL-LIĠIJIET DWAR IL-KOMPETIZZJONI**

**473. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid wara li saru l-emendi għall-Att dwar il-Kompetizzjoni Kap. 379 tramite l-Att Numru XVI tal-2019 x'investigazzjonijiet formali saru da parti tad-DG (Kompetizzjoni) dwar xi allegat ksur tal-liġijiet dwar il-kompetizzjoni u jekk saru f'liema oqsma u f'kull każ x'kien l-ezitu?

18/05/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 8
23/05/2022

**MENTAL HEALTH SCREENING FL-ISKEJJEL**

**474. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari 28027 tat-12-il Leġiżlatura, jista' l-Ministru jindika kemm kien hemm każijiet fejn għalliema kkonsultaw ma' ġenituri ta' tfal li jaħsbu li għandhom bżonn l-għajnuna tat-tabib minħabba problemi ta' saħħa mentali f'dawn l-aħħar sentejn u sad-data li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

18/05/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li din l-informazzjoni ser tkun qed tingħata f'seduta oħra.

Seduta 8
23/05/2022

**GĦAJNUNA LILL-ANZJANI**

**475. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jindika x'inizjattivi saru f'dawn l-aħħar tliet snin u sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija sabiex l-anzjani joħorġu l-potenzjal tagħhom għall-benessere fiżiku, soċjali u mentali tagħhom?

18/05/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 8
23/05/2022

**PENSJONANTI FIS-SUQ TAX-XOGĦOL**

**476. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' pensjonanti fis-suq tax-xogħol mill-2018 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija? X'qiegħed isir sabiex aktar pensjonanti jibqgħu fis-suq tax-xogħol?

18/05/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li skont l-informazzjoni li għandha Jobsplus hawn taħt issib tabella li turi n-numru ta' persuni minn 63 sena 'l fuq li kienu għadhom jaħdmu mill-2018 sal-2021. Il-Jobsplus ma jkollhiex informazzjoni dwar jekk persuni hux qed jirċievu l-pensjoni jew le.

| **Sa l-aħħar ta' Diċembru** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Sena** | **2018** | **2019** | **2020** | **2021** |
| Total ta' persuni min 63 sena 'l fuq li jaħdmu. | 12,364 | 13,864 | 14,399 | 15,722 |

Mis-sena 2014 'il quddiem, is-suq Malti ra żieda ta' aktar pensjonanti li baqgħu fis-suq tax-xogħol, li wassal għal żieda essenzjali fir-rata ta' xogħol nazzjonali. Il-Gvern Malti jirrikonoxxi l-bżonn li l-pensjonati jibqgħu attivi fid-dinja tax-xogħol u kien għalhekk li impjegati kemm fis-settur privat u dak pubbliku illum għandhom id-dritt li jagħżlu li jibqgħu jaħdmu minflok jirtiraw bil-pensjoni u b'hekk tiżdidilhom ir-rata tal-pensjoni tagħhom skont kemm idumu fl-impjieg qabel jirtiraw.
Il-Gvern Malti jemmen li għad hemm il-bżonn li ninvestu fil-pensjonanti tagħna. Jobsplus toffri sapport kontinwu permezz ta' servizzi ta' gwida u korsijiet lil kull individwu li jixtieq jidħol fis-suq tax-xogħol jew ikompli bil-karriera tiegħu wara l-irtirar. Fil-Politika Nazzjonali għax-Xogħol 2021-2030, il-Gvern Malti ppropona wkoll li jitfasslu programmi ta' mentoring minn persuni rtirati għal persuni vulnerabbli. Il-Gvern jemmen li l-pensjonanti għandhom potenzjal kbir, f'termini ta' ħiliet u għarfien, li jista' jgħin persuni vulnerabbli u qiegħda biex jidħlu fis-suq tax-xogħol. Apparti minn hekk, il-Gvern ser ikompli joffri inċentivi fiskali lil dawk il-pensjonanti li jibqgħu attivi fis-suq lokali wara l-irtirar. F'dan ir-rigward, il-Politika Nazzjonali għax-Xogħol 2021-2030 qed tipproponi li l-qligħ tal-pensjonanti, jiġifieri l-pensjoni u l-qligħ derivat mix-xogħol ma jkunux amalgamati għal skop ta' taxxa.

Seduta 8
23/05/2022

**FTEHIM MAL-KUMMISSARJU TAT-TAXXA DWAR ĦLAS TA' BOLOL**

**477. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni, legali u fiżiċi, li daħlu fi ftehim mal-Kummissarju tat-Taxxa sabiex iħallsu l-ammonti dovuti bħala bolla fuq perjodu ta' żmien, sena b'sena mill-2010 'l hawn?

18/05/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numri ta' ftehim dwar ħlas ta' ammonti dovuti bħala bolla, li jinkludu wkoll taxxa ta' l-impjegati miġbura mill-'employers', sena b'sena, huwa kif ġej:

| | |
|---|---|
| 2010 | 216 |
| 2011 | 223 |
| 2012 | 606 |
| 2013 | 767 |
| 2014 | 707 |
| 2015 | 937 |
| 2016 | 881 |
| 2017 | 1277 |
| 2018 | 1411 |

| | |
|---|---|
| 2019 | 1192 |
| 2020 | 1283 |
| 2021 | 929 |
| 2022 sa 19/05/2022 | 371 |

Seduta 8
23/05/2022

**FTEHIM MAL-KUMMISSARJU TAT-TAXXA DWAR ĦLAS TA' VAT**

**478. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni, legali u fiżiċi, li daħlu fi ftehim mal-Kummissarju tat-Taxxa sabiex iħallsu l-ammonti dovuti bħala VAT fuq perjodu ta' żmien, sena b'sena mill-2010 'l hawn?

18/05/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li n-numri ta' ftehim dwar ħlas ta' ammonti dovuti bħala VAT, sena b'sena, huwa kif ġej:

| | |
|---|---|
| 2010 | 82 |
| 2011 | 98 |
| 2012 | 45 |
| 2013 | 57 |
| 2014 | 6 |
| 2015 | 36 |
| 2016 | 48 |
| 2017 | 83 |
| 2018 | 88 |
| 2019 | 85 |
| 2020 | 131 |
| 2021 | 150 |
| 2022 sa 18/05/22 | 64 |

Seduta 8
23/05/2022

**FTEHIM MAL-KUMMISSARJU TAT-TAXXA DWAR ĦLAS TA' TAXXA TAD-DĦUL**

**479. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni, legali u fiżiċi, li daħlu fi ftehim mal-Kummissarju tat-Taxxa sabiex iħallsu l-ammonti dovuti bħala taxxa tad-dħul fuq perjodu ta' żmien, sena b'sena mill-2010 'l hawn?

18/05/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li n-numri ta' ftehim dwar ħlas ta' ammonti dovuti bħala taxxa tad-dħul, sena b'sena, huwa kif ġej:

| | |
|---|---|
| 2010 | 485 |
| 2011 | 253 |
| 2012 | 349 |
| 2013 | 459 |
| 2014 | 929 |
| 2015 | 791 |
| 2016 | 952 |
| 2017 | 879 |
| 2018 | 994 |
| 2019 | 895 |
| 2020 | 562 |
| 2021 | 546 |
| 2022 sa 19/05/22 | 299 |

Seduta 8
23/05/2022

**STUDJI DWAR L-IMPATTI TAL-GĦOLI TAL-ĦAJJA**

**482. L-ONOR. IVAN J BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Peress illi l-għoli tal-ħajja qed jolqot ħażin lil kulħadd, speċjalment lil dawk bi dħul baxx u medju u lin-negozji Maltin u Għawdxin fis-setturi kollha li qed jaraw l-ispejjeż tagħhom jiżdiedu minn ġurnata għall-oħra, jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-istudji kollha li għamel biex ikejjel l-impatti tal-għoli tal-ħajja fuq iċ-ċittadini u n-negozji Maltin u Għawdxin? Jista' jgħid x'inhu l-pjan li għandu biex jindirizza malajr u b'mod sostenibbli din is-sitwazzjoni fid-dawl ukoll li Gvern Laburista għandu l-akbar defiċit fl-Unjoni Ewropea?

18/05/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onorevoli Interpellant li fil-bagit li għadda ntqal hekk: "Il-prezzijiet tal-enerġija u b'mod aktar wiesgħa l-inflazzjoni inġenerali jistgħu jkunu l-isfidi tas-sena d-dieħla. Għalhekk it-tbassir tad-defiċit jista' jiġi rivedut b'1.4% u jilħaq is-7% ġaladarba l-Gvern ikun irid inaqqas l-impatt mil-lat finanzjarju fuq il-familji u n-negozji." Minkejja dan, pajjizna għad għandu l-inqas rata ta' inflazzjoni fl-Unjoni Ewropea. Minħabba li dak li tbassar ġara, u ġie iktar aggravat bil-gwerra fl-Ukrajna, il-Gvern nieda diversi mizuri soċjali kemm fil-bagit kif ukoll wara. Fosthom insemmi l-għajnuna diretta li ngħatat lill-pensjonanti u lill-familji kif ukoll l-politika li wasslet biex għaz-zmien li ġej Malta jkollha prezzijiet stabbli tal-enerġija u tal-fuels.

Seduta 8
23/05/2022

**SANTA LUĊIJA – KULLEĠĠ SAN TUMAS MOORE - SALA**

**483. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi r-raġuni li fl-Iskola

Sekondarja ta’ Santa Luċija, Kulleġġ San Tumas Moore, is-sala tħalliet ġebel u saqaf u ilha hekk f'din il-qagħda sentejn u nofs?

18/05/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet mekkaniċi u elettriċi, kif ukoll dawk ta’ finishes fl-iskola Sekondarja ta’ Santa Luċija, Kulleġġ San Tumas More, għandhom jibdew fix-xhur li ġejjin wara li jingħalaq l-istadju ta’ evalwazzjoni tat-tender relattiv. Ix-xogħol kellu jieqaf għal ftit xhur wara li t-tender relattiv kellu jiġi ppubblikat diversi drabi minħabba nuqqas ta’ offerti konformi mas-sejħa pubblika.

Seduta 8
23/05/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR - INTERRUZZJONI FIS-SERVIZZ TAL-ILMA - ĦRUĠ TA' AVVIŻI**

**484. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B’referenza għall-avviż li deher fid-9 ta’ Mejju, 2022 rigward interruzzjoni fis-servizz tal-ilma f’numru ta’ toroq f’San Pawl il-Baħar fil-11 ta’ Mejju, 2022, tista’ l-Ministru tara li meta jkun hemm qtugħ ta’ ilma fi Triq il-Bardnell, San Pawl il-Baħar, hekk kif ġara fil-11 ta’ Mejju, 2022, din it-triq tiġi mniżżla wkoll fl-avviżi li jinħarġu, dan wara li din it-triq ingħatat isem matul ix-xhur li għaddew? Tista’ l-Ministru tara li jsir l-istess meta jinħarġu avviżi minn entitajiet li jaqgħu fir-responsabbiltà tagħha?

18/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, kif ukoll Enemalta plc., ħadu nota tat-triq imsemmija sabiex din tiġi inkluża fi kwalunkwe avviż li jkun jikkonċerna r-residenti tagħha.

Seduta 8
23/05/2022

**SKEJJEL TAL-KNISJA - SECURITY**

**486. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 236 u ċjoè: B’referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 24688 tat-13-il Leġiżlatura, jista’ l-Ministru jagħti tagħrif dwar x’inhi r-raġuni li l-Iskejjel tal-Knisja ma jingħatawx fondi apposta biex ikun hemm security mal-iskejjel, filwaqt li jidher li l-iskejjel tal-Gvern jingħataw fondi għal dan?

18/05/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni qatt m’għadda l-ebda fondi lill-iskejjel tal-Istat fir-rigward ta’ xiri ta’ servizzi ta' security.
Seduta 8
23/05/2022

**PROĠETT TAD-DAĦLA TAL-ISLA – XOGĦOL FIT-TIENI FAŻI**

**510. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari 205, jista' l-Ministru jagħti aktar dettalji dwar x'kienu l-istrutturi mirdumin li qiegħed jirreferi għalihom u kif qed ikunu priservati?

18/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Intepellant li fi Pjazza Mitrovic, meta sar xoghol ta skavar biex jitpoggew is-servizzi l-godda, tfaccaw zewg gibjuni antiki kif ukoll gutters u xaftijiet ghal gbir tal-ilma. F'zoni differenti tal-pjazza instabu partijiet mill-wicc originali tal-pjazza li kien maghmul bil-gebla tal-Franka.

Fl-inhawi tal-hekk maghruf Mahzen tal-festa, instabu partijiet mill-paviment originali bil-gebla tal-franka; partijiet mill-passagg originali li kien iwassal ghal Belveder u dahla antika li taghti ghal basement li jinsab taht il-mahzen.

Fil-parti ta fuq tal-progett, jigifieri fejn kien hemm il-bandli biswiet l-iskola primarja instabu cisterna tal-ilma, kif ukoll il-pedament ta binja. Wara tfittxija fi pjanti antiki rrizulta li din kienet tissejjah Shipyard Constructors House u li kienet tnehhiet zmien ilu.

F'kull kaz, saru studji u surveys fuq dak kollu li instab u x-xoghol setgha jitkompla biss wara li ttiehdet id-direzzjoni tas-sovraintendenza tal-wirt kulturali kif kellhom jigu ppriservati dak misjub qabel jipprocedu x-xogholijiet.

Seduta 8
23/05/2022

**ĦAL FAR MODEL FLYING ASSOCIATION – UŻU TA' ART FL-INĦAWI TA' WIED ŻNUBER**

**511. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jikkonferma jekk kienx hemm jew hemmx ftehim bejn entità jew entitajiet governattivi u/jew aġenzija jew aġenziji tal-gvern u/jew awtorità jew awtoritajiet tal-gvern u l-Ħal Far Model Flying Association dwar l-użu ta' art fl-inħawi ta' Wied Żnuber, f'Ħal Far għall-użu mill-istess Assoċjazzjoni? F'każ li dan il-ftehim sar, għadu fis-seħħ kif kien jew ġie emendat? Tista' titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-aħħar verżjoni ta' dan il-ftehim? Liema kienu s-siti alternattivi li ġew ikkunsidrati għal dan l-iskop qabel sar il-ftehim? In vista tal-wegħda ta' qabel l-elezzjoni li l-ebda żvilupp mhu ser isir fiż-żona msemmija, hemm il-ħsieb li dan il-ftehim jiġi kkanċellat jew modifikat biex jirrifletti din il-wegħda? Liema huma s-siti alternattivi li qed jiġu kkunsidrati għall-użu ta' Ħal Far Model Flying Association? Liema huma l-partijiet ikkonċernati li qed jiġu kkonsultati?

18/05/2022

**ONOR. SILVO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li t-tagħrif għadu qed jingabar u t-twegiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 8
23/05/2022

**ARTIJIET LI ĠEW MEĦUDA MILL-GVERN**

**512. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista li turi l-area, il-valur ta' kumpens dovut u l-lokalità ta' artijiet li ġew meħuda mill-Gvern mill-1990 sad-data li fiha qed tiġi mwieġba din id-domanda u li għadhom ma ġewx ikkompensati b'mod sħiħ? Tista' tingħata d-data għal kull każ meta ser jingħata l-kumpens dovut u l-ammont tal-kumpens?

18/05/2022

**ONOR. SILVO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li t-tagħrif għadu qed jingabar u t-twegiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 8
23/05/2022

**PORT ĦIELES – PROĠETT TAX-SHORE TO SHIP – FLUS IVVUTATI FIL-BUDGET 2022**

**513. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm flus ivvutati fil-budget 2022 għall-proġett tax-shore to ship fil-Port Ħieles u jagħti aġġornament tal-istatus ta' dan il-proġett?

18/05/2022

**ONOR. SILVO SCHEMBRI:** Ninforma lil Onor Interpellant li fondi mis-Sinking Fund li għandha l-Korporazzjoni u Fondi Ewropej taħt l-iskema Just Transition Fund se jintużaw għal dan il-proġett.
Fuq dak li huwa status tal-proġett ngħaraf lill-Onorevoli Membru li bħalissa qed issir l-evalwazzjoni fuq it-tender relatat ma' xogħol, ċivili u elettriku. Filwaqt li tender oħra fuq superviżjoni tax-xogħol għadha miftuħa.

Seduta 8
23/05/2022

**PORT ĦIELES – SHORE TO SHIP – XOGĦLIJIET MILL-ENEMALTA**

**514. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru telenka lista tax-xogħlijiet li għad jonqos isiru min-naħa tal-Enemalta sabiex ikun jista' jiġi pprovdut is-servizz ta' shore to ship fil-Port Ħieles? F'każ ta' xogħlijiet fit-toroq, tista' tiġi preżentata lista ta' toroq li ser jiġu affettwati? Kemm mistennija tkun l-ispiża? Tista' tingħata timeline ta' dawn ix-xogħlijiet?

18/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellant sabiex, fir-rigward tal-proġett tax-shore to ship fil-Port Ħieles, iressaq il-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat. Min-naħa tagħha l-Enemalta hija disposta li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' dan il-proġett skont il-mandat li tingħata.

Seduta 8
23/05/2022

**BIRŻEBBUGIA – TAL-PAPA – LOW U FLUCTUATING VOLTAGE**

**515. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru telenka l-pjan sabiex tiġi solvuta l-problema ta' low u fluctuating voltage li jeċċedi t-toleranzi permissibbli fl-inħawi Tal-Papa f'Birżebbuġa?

18/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xahar id-dieħel l-Enemalta għandha tibda x-xogħlijiet meħtieġa ta' tisħiħ fis-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku fl-inħawi magħrufa bħala tal-Papa.

Seduta 8
23/05/2022

**MAGĦTAB – INĊINERATUR – MATERJAL SKAVAT**

**516. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru telenka lista li turi t-tip, il-kwantità u l-valur kummerċjali, f'każ ta' materjali ri-użabbli jew riċiklabbli, tal-materjal li tneħħa u ser jitneħħa u/jew ġie skavat u ser jiġi skavat mis-sit fejn ser jinbena l-inċineratur fil-Magħtab u l-istruttura anċillari, inkluż iż-żoni ta' ħażna? Tista' telenka l-proċedura ta' x'qed isir minn kull tip ta' materjal imneħħi jew skavat u x'tip ta' dokumentazzjoni u/jew ċertifikazzjoni li trid tiġi preżentata? Kemm saru spezzjonijiet biex jiġi vverifikat dak li qed jiġi ddikjarat u li qed jiġu esegwiti l-proċeduri stabbiliti u x'instab waqt dawn l-ispezzjonijiet?

18/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li, mis-sit imsemmi, sal-lum tneħħiet biss il-ħamrija tal-wiċċ. Din il-ħamrija nżammet fil-faċilità tal-Wasteserv sabiex terġa' tintuża. Sadanittant, il-materjal li jrid jiġi skavat ġie kkaratterizzat skont Termini ta' Referenza maħruġa mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) għall-Istudji dwar l-Impatt Ambjentali. Saret ukoll analiżi kimika li ddeterminat li l-materjal mhuwiex perikoluż (*hazardous*) u li għaldaqstant jista' jiġi ttrasportat, mormi jew użat mill-ġdid skont ir-regolamenti. Ninsab infurmata wkoll li l-ispezzjonijiet li għamlet l-ERA kkonfermaw li x-xogħlijiet ta' skavar relatati mal-PA08038/21 għad iridu jibdew. Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi l-kwantità u s-sors tal-materjal li ser jiġi skavat skont ir-rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali ta' Awwissu 2021.

Seduta 8
23/05/2022

**EV METERS**

**517. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk l-EV Meters jistgħux japplikaw għalihom sidien ta' garage spaces ukoll u mhux biss sidien ta' lock up garages?

18/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa qiegħdin nikkunsidraw kif ser isiru emendi fil-Provvista tal-Elettriku sabiex sidien ta' *garage spaces* ukoll u mhux biss sidien ta' *lock up garages* ikunu jistgħu japplikaw ghall-EV meter.

Seduta 8
23/05/2022

**KUMPLESS SPORTIV TA' TAL-QROQQ – SQUASH COURTS – XOGĦOL TA' MANUTENZJONI**

**518. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid meta sar l-aħħar xogħol ta' manutenzjoni fuq il-Squash Courts ġewwa l-Kumpless Sportiv ta' Tal-Qroqq? Jista' jgħid ukoll kemm-il darba dawn il-courts jitnaddfu?

18/05/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-courts tal-isquash għandhom manutenzjoni kontinwa u tindif ta' kuljum. Fil-fatt, preżentament hemm pubblikazzjoni ta' sejħa għall-kwotazzjonijiet għall-courts wieħed u tnejn biex jiġu rinnovati. Barra minn hekk f'courts tlieta u erbgħa ġiet installata arja kundizzjonta.
F'dawn il-courts it-tim nazzjonali jitħarreġ kuljum mingħajr ħlas waqt li l-pubbliku ġenerali jużawhom bi ħlas minimu.

Seduta 8
23/05/2022

**SANTA LUĊIJA – KULLEĠĠ SAN TUMAS MORE – XOGĦLIJIET FUQ IL-GYM U SALA**

**519. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jaġġorna l-Kamra fiex waslu x-xogħlijiet fuq il-gym u sala fl-iskola sekondarja, Kulleġġ San Tumas More ġewwa Santa Luċija u meta qed jistenna li dawn ix-xogħlijiet jitlestew?

18/05/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħolijiet mekkaniċi u elettriċi, kif ukoll dawk ta' *finishes* fuq il-gym u sala fl-iskola Sekondarja ta' Santa Luċija,

Kulleġġ San Tumas More, għandhom jibdew fix-xhur li ġejjin wara li jingħalaq l-istadju ta' evalwazzjoni tat-tender relattiv. Ix-xogħolijiet huma mistennija li jitlestew fi Q2 2023.

Seduta 8
23/05/2022

**MARSA – KUMPLESS SPORTIV – AĊĊESSIBILITÀ GĦALL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

**520. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jispjega x'aċċessibilità għall-persuni b'diżabilità, b'mod partikolari dawk li jużaw 'wheelchair', ġew inkorporati fix-xogħlijiet ta' upgrade li saru fil-Kumpless Sportiv tal-Marsa?

18/05/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-upgrading tal-grawnd tal-Marsa Athletics huwa investiment ta' €3 miljun f'uniformità sħiħa mal-permess tal-ippjanar u b'aċċessibbiltà sħiħa għall-aċċess għas-siġġijiet tar-roti. L-investiment se jkun qed jaġġorna l-faċilitajiet għal livell internazzjonali u se jintroduċi aċċessibbiltà għaż-żoni kollha meta dawn kienu neqsin għal snin sħaħ. Meta l-proġett ikun lest għal kollox l-utenti tas-siġġijiet tar-roti mhux biss ser ikollhom żoni magħżula iżda wkoll ser ikollhom aċċess sal-quċċata tal-istands. Waqt l-Olimpjadi Speċjali, dawk kollha li jużaw is-siġġijiet tar-roti ġew akkomodati mal-korsa biex isegwu l-logħob.

Seduta 8
23/05/2022

**BALLUTA – TIXRID TA' SKART**

**521. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Fid-dawl tal-periklu reċenti tas-sigurtà fejn struttura kbira ta' scaffolding kważi waqgħet fit-triq u l-bankina fil-Balluta u fid-dawl tat-tixrid reċenti ta' skart mill-istess proġett li tniġġes il-Bajja tal-Balluta, jista' l-Ministru jispjega:

1- x'miżuri ttieħdu biex tiġi żgurata s-sigurtà tan-nies li jimxu fuq il-bankina u l-karozzi li jgħaddu fit-Triq it-Torri; u

2- x'miżuri ttieħdu biex ma jkunx hemm aktar skart imxerred fil-Bajja tal-Balluta minn dan il-proġett?

18/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'riferenza għall-Mistoqsija Parlamentari numru 521 din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru konċernat.

Seduta 8
23/05/2022

**SIRENS – KUMPLESS SPORTIV – FAĊILITAJIET TA' AĊĊESSIBILITÀ**

**522. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jispjega x'faċilitajiet ta' aċċessibbiltà hemm fil-kumpless sportiv akkwatiku tas-Sirens, liema proġett kien iffinanzjat sa €2.2 miljun mill-Awtorità tal-Ippjanar, li jippermettu lil persuni b'diżabilità jidħlu u joħorġu mill-pixxina?

18/05/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-permess tal-iżvilupp tal-kumpless sportiv akkwatiku tas-Sirens jaħseb għall-kundizzjoni speċifika li titlob approvazzjoni tal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita' qabel il-ħruġ tal-permess ta' konformita'. Inżidilli l-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita kienet ukoll konsultata waqt il-proċess tal-applikazzjoni u ma nstabet ebda oġġezzjoni fir-rigward tal-pjanti kif approvati.

Seduta 8
23/05/2022

**SKEMA TAL-KOMUNITÀ - ĦADDIEMA**

**530. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: B'referenza għall-mistoqsija numru 94, jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema miż-Żejtun, Ħal Għaxaq, Marsaxlokk u Wied il-Għajn separatament fl-Iskema tal-Komunità? Jista' jgħid ukoll x'inhi l-proċedura preżenti biex persuna tifforma parti minn din l-iskema?

18/05/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-informazzjni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 8
23/05/2022

**IŻ-ŻEJTUN - TRIQ STREJNU U TRIQ XROBB L-GĦAĠIN - XOGĦLIJIET**

**531. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-proġett tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, fi Triq Xrobb l-Għaġin u Triq Strejnu bejn iż-Żejtun u Marsaxlokk huwiex lest kompletament? Jekk le, x'inhuma x-xogħlijiet li għad fadal u meta huwa maħsub li dawn jitlestew?

18/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol ta' networks taħt wiċċ it-triq fit-toroq indikati huma kompluti kollha, inkluż l-ewwel saff ta' tarmak. Is-saff finali huwa ppjanat li jingħata fix-xhur li ġejjin mat-tkomplija tal-proġett kollu.
Seduta 8
23/05/2022

**DELIMARA/MARSAXLOKK - TISBIĦ**

**532. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx il-ħsieb li jsir xi tisbiħ ġewwa Delimara limiti ta' Marsaxlokk, ħalli dan ikun jista' jitgawda mill-pubbliku, speċjalment mill-familji, b'mod partikolari fiż-żona ta' qrib il-fanal?

18/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li, kif imwiegħed fil-Manifest Elettorali Malta Flimkien, il-Gvern huwa kommess li jimplimenta proġetti ġodda ta' afforestazzjoni u restawr ta' siti naturali, anke bi sħubija ma' stakeholders oħra. Il-proċess tal-identifikazzjoni tas-siti u l-iżvilupp ta' pjanijiet t'azzjoni għalihom huwa wieħed kontinwu.

Seduta 8
23/05/2022

**IŻ-ŻEJTUN, ĦAL GĦAXAQ, MARSAXLOKK U MARSASCALA - XOGĦLIJIET FUQ SKEJJEL**

**533. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'xogħlijiet qed isiru fl-iskejjel taż-Żejtun, Ħal Għaxaq, Marsaxlokk u Wied il-Għajn? Fit-tnax il-xahar li ġejjin, għall-istess lokalitajiet, fejn hu maħsub li jsiru xogħlijiet? Għal kull każ, x'tip ta' xogħol qed isir jew se jsir? Jista' jgħid ukoll jekk minħabba dawn ix-xogħlijiet huwiex meħtieġ li l-istudenti jiġu rilokati? Jekk fl-affermattiv, mil-liema skejjel u fejn se jmorru?

18/05/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inqiegħed fuq il-mejda tal-kamra dettalji dwar id-diversi xogħolijiet li qed isiru fl-iskejjel taż-Żejtun, Ħal Għaxaq, Marsaxlokk u Wied il-Għajn kif ukoll dawk li ser ikunu qed isiru fit-tnax-il xahar li ġejjin.

Seduta 8
23/05/2022

**MARSASCALA - GĦASSA TAL-PULIZIJA - XOGĦLIJIET**

**534. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid meta hu maħsub li titlesta l-Għassa tal-Pulizija ta' Marsascala?

18/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li x-xogħlijiet relatati mat-tlestija tal-Għassa tal-Pulizija ta' Marsascala jinsabu fl-aħħar stadji tagħhom. Id-data ta' meta din l-Għassa ser tibda topera, ser tingħata fil-futur qarib.
Seduta 8
23/05/2022

**IŻ-ŻEJTUN - TOROQ - XOGĦLIJIET**

**535. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid x'toroq qed isiru fil-preżent fil-lokalità taż-Żejtun? X'toroq ser isiru fit-12-il xahar li ġejjin?

18/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Fil-lokalità taż-Żejtun diġà nbew mill-ġdid u saru xogħlijiet fi Triq Taltas, Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok, Triq il-Labour, Triq Dwiemes, Triq Toni Zahra, Triq il-Faqqus, Triq Bugħarbiel, Triq il-Kbira, Triq il-President Anton Buttigieg, Misraħ is-Suq, Triq id-Daħla ta' San Tumas, Vjal il-25 ta' Novembru, Triq Cannaught, Triq il-Kantur, Ta' Ganza u Triq Kamumilla.

Bħalissa qegħdin isiru xogħlijiet fi Triq San Piju X, Triq San Profilju, Triq Santa Fawstina, Triq Santa Monika, Triq San Ġużepp, Triq Beland u Triq il-Ġiebja Rumana, waqt li diġà hemm ippjanati biex fiż-żmien li ġej jibda x-xogħol fiż-żona ta' Ħal Tmiem u Triq Profs Anthony Zammit.

Seduta 8
23/05/2022

**GUDJA – BYE-LAW DWAR PARKEĠĠ RESIDENZJALI**

**540. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 156, peress li artikolu 35 (3) u 35 (5) tal-Att Dwar Kunsilli Lokali Kap. 363, jagħmilha ċara ħafna u mingħajr lok ta' interpretazzjoni li l-Ministru huwa l-unika wieħed li jista' jipproponi emendi għal bye-law approvata mill-Kunsill jew joġġezzjona għaliha u li l-Ministru għandu biss tmien ġimgħat ċans biex jagħmel dan, u li allura d-Diviżjoni m'għandha l-ebda funzjoni li tipproċessa u temenda bye-law approvata mill-Kunsill, jista' l-Ministru jispjega kif aktar minn ħames xhur wara li dawn waslu għand id-Direttur tal-Kunsill Lokali, il-Kunsill Lokali għadu bla risposta? Jista' jgħid min qed jikser artikolu 35 tal-Att Dwar Kunsilli Lokali, jekk hux hu jew id-Diviżjoni?

18/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Filwqt illi hu minnu li l-emendi għal proposta ta' bye-laws isiru mill-Ministru skont l-imsemmija dispożizzjoni tal-Att dwar Gvern Lokali, l-ivvettjar ta' proposta tal-bye-laws fejn jirrigwardja abbozzar, dokumentazzjoni meħtieġa u jekk hemmx leġiżlazzjoni nazzjonali li tirregola l-materja li dwarha tkun qed issir il-proposta ta' bye-law, isir mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

Dan il-proċess isir sabiex meta tgħaddi l-imsemmija proposta għand il-Ministru għall-konsiderazzjoni tiegħu dwar jekk għandux japprova o meno il-proposta tal-bye-laws, il-Ministru ikollu l-istampa kollha quddiemu.

F'ċirkostanzi fejn il-proposta tal-bye-law ma tkunx kompluta bid-dokumentazzjoni meħtieġa, tali proposta tintbagħat lura lill-Kunsill sabiex dawn jerġgħu jissottomettu l-proposta bid-

dokumentazzjoni kollha meħtieġa. Huwa biss fl-istadju meta l-proposta tal-bye law tintbghat lura kompluta bid-dokumentazzjoni kollha mehtiega illi tali bye-law tiġi proċessata skont kif tesiġi l-liġi.

Fil-każ tal-proposta ta' Bye-Laws ippreżentata mill-Kunsill Lokali tal-Gudja, dawn ġew mibgħuta lid-Direttur nhar it-28 ta' April 2022. Fit-2 ta' Mejju 2022, il-Legal Unit tad-Diviżjoni infurmat lill-Kunsill li sabiex id-Diviżjoni tkun tista' tipproċessa l-imsemmija Bye Laws jeħtieġ li jintbgħatu wkoll kopja tal-minuti tal-laqgħa li fiha ġew diskussi u approvati dawn il-bye-laws u ċ-checklist li bħalissa qed tintalab lill-Kunsilli Lokali sabiex ikunu jistgħu jiġu proċessati u ppublikati bye-laws. FL-10 ta' Mejju 2022 il-Kunsill Lokali tal-Gudja reġa' bagħat kopja tal-Bye laws bil-Malti u bl-Ingliż, flimkien ma` Checklist u kopja tal-Minuti.

Fid-dawl tal-ispjega t'hawn fuq, mhuwiex minnu dak li qed jissuġġerixxi l-Onorevoli interpellant u m'hemm l-ebda ksur tad-dispożizzjoni tal-Artikolu msemmi mill-Onor. Interpellant stante li l-Ministru għadu fiż-żmien li jezercita d-dmirijiet tieghu skont l-artikolu ċitat mill-istess Onor. Interpellant u ghalhekk tigi eccepita l-intempestivita tad-domanda tal-Onor. Interpellant.

Seduta 8
23/05/2022

**KORP TAL-PULIZIJA - PULIZIJA**

**542. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu n-numru tal-Pulizija fi ħdan il-Korp fil-mument meta tkun qed tingħata t-tweġiba għal din il-mistoqsija? Meta saret l-aħħar sejħa biex jiġu ingaġġati aktar Pulizija u kemm-il post vakant kien hemm? Kemm, fil-fatt kienu l-applikanti u kemm ġew ingaġġati rekluti ġodda?

18/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Informat li l-ħaddiema fi ħdan il-Korp tal-Pulizija sad-19 ta' Mejju 2022 kien ta' 2,260 li jinkludu 159 impjegat taċ-Ċivili li hemm mal-Korp.

L-aħħar sejħa ta' reklutaġġ saret fil-21 ta' Jannar 2022. Din is-sejħa għalqet fl-14 ta' Frar 2022, u kien hemm 141 applikant. Il-proċess għall-ingaġġ ta' din is-sejħa għadu għaddej. Infurmat illi bħalissa fl-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati hemm 59 rekluta li qed jieħdu t-taħrig u dawn kienu mis-sejħa li kien hemm qabel dik ta' Jannar 2022.

Seduta 8
23/05/2022

**KORP TAL-PULIZIJA - SEZZJONIJIET**

**543. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid, mill-ammont ta' Pulizija li jaħdmu fi ħdan il-Korp, kemm hemm Pulizija li huma assenjati fis-segwenti Sezzjonijiet:
Cyber Crime Unit;
Domestic Violence Unit;
FCID;

Għasses ta' Malta; u
Għasses ta' Għawdex?

18/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi fis-sezzjonijiet indikati mill-Onorevoli Membru, l-ammont ta' Pulizija li huma assenjati huma kif jidhru fit-tabella ta' hawn taħt. Dan barra numru ta' impjegati pajżana li jaħdmu fl-istess sezzjonijiet, kif jidher fl-istess tabella:

| Section | No. of Police Officers | Numru ta' impjegati pajżana |
|---|---|---|
| Cyber Crime Unit | 17 | 1 |
| Gender Based and Domestic Violence Unit | 27 | 1 |
| FCID | 93 | 4 |
| Police Districts – Malta | 697 | 1 |
| Police Districts – Gozo | 95 | 2 |
| Community Policing | 87 | - |

Seduta 8
23/05/2022

**AFM - SULDATI**

**544. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu n-numru ta' suldati, inkluż uffiċjali, li huma membri tal-Forzi Armati fil-mument meta tkun qed tingħata t-tweġiba għal din il-mistoqsija? Meta saret l-aħħar sejħa biex jintgħażlu rekluti ġodda? Kemm fil-fatt, kienu l-applikanti u kemm ġew ingaġġati rekluti ġodda?

18/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li fil-Forzi Armati ta' Malta hemm 1452 Suldat, 153 Uffiċjali, 194 volontiera u 54 persuna taċ-ċivil.

L-aħħar sejħa ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta nhar id-29 ta' Ottubru 2021. Applikaw total ta' 176 applikant f'diversi sejħiet li ħarġu għal suldati fil-Forza u total ta' 29 applikant fis-sejħa li ħarġet għall-Uffiċjali Kadetti. Il-proċess ta' selezzjoni għadu għaddej u mistenni jiġi konkluż fil-jiem li ġejjin.

Seduta 8
23/05/2022

**DIPARTIMENT TAL-PROTEZZJONI ĊIVILI - ĦADDIEMA**

**545. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu n-numru ta' persuni li jaħdmu fi ħdan id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili fil-mument meta tkun qed tingħata t-tweġiba għal din il-mistoqsija? Meta

saret l-aħħar sejħa biex jintgħażlu rekluti ġodda? Kemm fil-fatt, kienu l-applikanti u kemm ġew ingaġġati rekluti ġodda?

18/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li fil-preżent hemm total ta' 278 persuna fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili.
L-aħħar sejħa sabiex jintgħażlu rekruti ġodda ġiet ppublikata nhar it-28 ta' Jannar 2022. Għal din is-sejħa d-Dipartiment irċieva 547 applikazzjonjiet. Il-proċess tal-għażla għadu mhux konkluż.

Seduta 8
23/05/2022

**IDENTITY MALTA - ĦADDIEMA**

**546. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu n-numru ta' persuni li jaħdmu fi ħdan Identity Malta fil-mument meta tkun qed tingħata t-tweġiba ghal din il-mistoqsija? Meta saret l-aħħar sejħa biex jintgħażlu impjegati ġodda? Kemm fil-fatt, kienu l-applikanti u kemm ġew ingaġġati impjegati ġodda? Jista' jagħti spjega ta' kif u fejn huma jaqdu d-doveri tagħhom dawn l-impjegati fil-varji sferi tal-Aġenzija?

18/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-Aġenzija Identity Malta għandha 299 ħaddiem ingaġġat magħha. Il-ħaddiema tal-Aġenzija Identity Malta jaqdu dmirhom fid-dipartimenti varji tagħha. Dawn huma l-Uffiċċju tal-Passaporti, it-Taqsima tal-Karta tal-Identità, ir-Reġistru Pubbliku, it-Taqsima tar-Riċerki, it-Taqsima Ċentrali tal-Viża, it-Taqsima tal-Espatrijati, it-Taqsima ta' Rappurtaġġ u t-Taqsima tal-Corporate Services. L-aħħar sejħa għall-ingaġġ ta' ħaddiema saret nhar il-25 ta' Novembru 2021. Għaliha applikaw 19-il persuna, li minnhom intgħażlet persuna waħda.

Seduta 8
23/05/2022

**RAPPORTI TA' SERQ LI ĠEW SOLVUTI**

**547. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm rapporti ta' serq, xahar b'xahar, fis-sena 2021 u kemm minn dawn ġew solvuti? Tista' tingħata lista tal-lokalitajiet fejn saru dawn ir-rapporti?

18/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.
Seduta 8
23/05/2022

**GĦOTJA GĦAĊ-ĊITTADIN ANZJAN TA' €300 – ANZJANI LI JGĦIXU FI DJAR RESIDENZJALI PRIVATI**

**550. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 169 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva u li issa ġiet riferuta lilu u jgħid kemm hemm anzjani li jgħixu fi djar residenzjali privati li qed jingħataw l-Għotja għaċ-Ċittadin Anzjan ta' €300?

18/05/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 8
23/05/2022

**GĦOTJA GĦAĊ-ĊITTADIN ANZJAN TA' €300 - ANZJANI LI JGĦIXU FIL-KOMUNITÀ**

**551. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm anzjani li jgħixu fil-komunità li qed jingħataw l-Għotja għaċ-Ċittadin Anzjan ta' €300?

18/05/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 8
23/05/2022

**GĦOTJA GĦAĊ-ĊITTADIN ANZJAN TA' €400 – ANZJANI LI GĦANDHOM 'IL FUQ MINN 80 SENA**

**552. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 170 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva u li issa ġiet riferuta lilu u jgħid kemm hemm anzjani li għandhom 'il fuq minn 80 sena u li bdew jirċievu l-Għotja għaċ-Ċittadin Anzjan ta' €400 mill-1 ta' Jannar 2022? Jista' jgħid kemm minnhom qegħdin jgħixu fil-komunità?

18/05/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 8
23/05/2022

**AWTORITÀ TA' STANDARDS TA' ĦARSIEN SOĊJALI – SPEZZJONIJIET FI DJAR RESIDENZJALI TAL-ANZJANI TAL-GVERN**

**553. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il spezzjoni saret fis-sena 2021 mill-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali fid-Djar Residenzjali tal-Anzjani tal-Gvern? Jista' jagħti l-lista ta' dawn l-ispezzjonijiet u f'liema djar saru? Jista' jgħid ukoll x'kienu d-deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Awtorità wara dawn l-ispezzjonijiet?

18/05/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul is-sena 2021, l-Awtorità tal-Istandards ta' Ħarsien Soċjali għamlet total ta' 1285 spezzjoni fid-djar residenzjali tal-anzjani tal-Gvern, tal-Privat u dawk tal-Knisja. Matul dawn l-ispezzjonijiet irriżultaw 1228 nuqqasijiet li ġew klassifikati u ngħataw rakkomandazzjonijiet biex dawn n-nuqqasijiet ġew indirizzati. L-informazzjoni qed titpoġġa fuq l-Mejda tal-Kamra.

Seduta 8
23/05/2022

**AWTORITÀ TA' STANDARDS TA' ĦARSIEN SOĊJALI – SPEZZJONIJIET FI DJAR RESIDENJZALI TAL-ANZJANI PRIVATI**

**554. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il spezzjoni saret fis-sena 2021 mill-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali fid-Djar Residenzjali tal-Anzjani privati? Jista' jagħti l-lista ta' dawn l-ispezzjonijiet u f'liema djar saru? Jista' jgħid ukoll x'kienu d-deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Awtorità wara dawn l-ispezzjonijiet?

18/05/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellant tirreferi għall-informazzjoni mogħtija bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 553.

Seduta 8
23/05/2022

**ŻONA TAL-IMBORDIN – TRIQ BEJN SAN PAWL IL-BAĦAR U L-MELLIEĦA – STALLAZZJONI TA' DAWL**

**564. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jassigura li t-triq bejn San Pawl il-Baħar u l-Mellieħa fiż-żona Ta' l-Imbordin ikollha iktar dawl installat? Meta jista' jitwettaq dan ix-xogħol?

18/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li minħabba regolamenti ambjentali u spiża pjuttost kbira, il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar mhuwiex fil-pożizzjoni li jsaħħaħ id-distribuzzjoni tad-dawl fi Triq Limbordin, fil-parti li taqa' taħt ir-

risponsabilità tiegħu. Minkejja dan, tlesta xogħol biex tliet bozoz imwaħħla fl-inħawi jingħataw il-kurrent bi spiża ta' mhux inqas minn €5,333.60.

Min-naħa tiegħu, il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa attwalment m'għandux pjani li jintroduċi dwal ġodda fit-triq tal-Miżieb fil-parti li taqa' fil-konfini tiegħu.
L-introduzzjoni ta' skemi ġodda ta' dwal f'żoni 'l barra mill-konfini tal-iżvilupp (ODZ) tirrikjedi permess mill-Awtorità tal-Ippjanar.

Seduta 8
23/05/2022

**ŻONA TAL-IMBORDIN – TRIQ BEJN SAN PAWL IL-BAĦAR U L-MELLIEĦA – STALLAZZJONI TA' DAWL**

**565. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tassigura li t-triq bejn San Pawl il-Baħar u l-Mellieħa fiż-żona Ta' l-Imbordin ikollha iktar dawl installat? Meta jista' jitwettaq dan ix-xogħol?

18/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li f'partijiet kbar it-triq indikata hija klassifikata bħala ODZ u għalhekk ma jistgħux jitwaħħlu arbli tad-dawl. Sadanittant, l-Enemalta ma rċeviet l-ebda talba għal dawl ġdid fl-inħawi.

Seduta 8
23/05/2022

**MELLIEĦA – FORT CAMPBELL**

**566. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba ta' mistoqsija parlamentari 24672 tat-13-il Leġiżlatura, jista' l-Ministru jagħti iktar tagħrif dwar iż-żewġ applikazzjonijiet li kienu/għadhom qegħdin jiġu evalwati mill-Awtorità tal-Artijiet għall-forti msemmija? Fiex jikkonsistu dawn l-applikazzjonijiet u f'liema stadju waslu?

18/05/2022

**ONOR. SILVO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onorevoli interpellanta tirreferi għat-tweġiba li ngħatat lill-mistoqsija numru 110

Seduta 8
23/05/2022

**RAPPORT PRELIMINARI FUQ IL-MUDELL TAT-TAXXA L-ĠDID**

**570. L-ONOR. IVAN J BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Peress li l-Gvern qed jaħdem b'mod attiv fuq il-mudell tat-taxxa l-ġdida u ilu jagħmel dan għal dawn l-aħħar tliet snin, fejn ġie ppubblikat ukoll rapport preliminari xahar ilu, għaldaqstant jista' l-

Ministru jgħid meta l-Gvern beħsiebu jagħti kopja ta' dan ir-rapport preliminari lill-Oppożizzjoni?

18/05/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nikkonferma li l-Malta Financial Services Advisory Council qiegħed jaħdem fuq dan ir-rapport. Il-Kunsill ser ikun qiegħed iwessa' l-konsultazzjoni tiegħu fiż-żmien li ġej.

Seduta 8
23/05/2022

**RAPPORT PRELIMINARI FUQ IL-MUDELL TAT-TAXXA L-ĠDID**

**571. L-ONOR. IVAN J BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Peress li l-Gvern qed jaħdem b'mod attiv fuq il-mudell tat-taxxa l-ġdida u ilu jagħmel dan għal dawn l-aħħar tliet snin, fejn ġie ppubblikat ukoll rapport preliminari xahar ilu, għaldaqstant jista' l-Ministru jgħid meta l-Gvern beħsiebu jagħti kopja ta' dan ir-rapport preliminari lill-Oppożizzjoni?

18/05/2022

**ONOR. SILVO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onorevoli interpellanta sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkoncernat.

Seduta 8
23/05/2022

**ĊIMITERJI TAL-ANNIMALI**

**572. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid xi progress sar fil-kostruzzjoni taċ-Ċimiterju tal-Annimali, u meta dan mistenni li jitlesta u jibda jopera?

19/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi x-xogħlijiet fiċ-Ċimiterju tal-Annimali għadhom għaddejjin. Huwa ppjanat li dan jitlesta sal-aħħar ta' din is-sena.

Seduta 8
23/05/2022

**NATIONAL NEUTERING CAMPAIGN**

**573. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid meta ser tibda l-kampanja nazzjonali tan-neutering għall-annimali stray? Apparti l-€125,000 allokati għal national neutering campaign, hemm iżjed fondi allokati għal annimali stray għal din is-sena?

19/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi l-kampanja tan-neuteringtal-qtates għandha tibda fit-tielet kwart ta' din is-sena. Abbażi tal-eżitu tal-kampanja tan-neutering tal-qtates. Total ta' madwar 1.1 miljun ewro (apparti l-€125,000) ġew allokati għall-ħarsien tal-annimali direttament jew indirettament lejn annimali stray.

Seduta 8
23/05/2022

**OPERATURI TURISTIĊI - LIĊENZJI**

**574. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu kemm għandha arretrati x'tiġbor f'liċenzji minn operaturi turistiċi mill-2013 sal-lum, maqsuma sena b'sena?

19/05/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 8
23/05/2022

**KRITERJI BIEX INĦARĠU Ċ-ĊEKKIJIET TA' RIFUŻJONI TAT-TAXXA U ĊEKKIJIET TA' STIMOLU**

**575. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar il-kriterji kollha li fuqhom il-Gvern ħareġ iċ-ċekkijiet ta' rifużjoni tat-taxxa u ċ-ċekkijiet ta' stimolu aktar kmieni din is-sena? U allura jista' jispjega għaliex iċ-ċekk ta' stimolu ma wasalx għand kulħadd?

19/05/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellanta biex tirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-Mistoqsija Parlamentari Numru 323.

Seduta 8
23/05/2022

**EPILEPSY – STATISTIKA**

**576. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hemmx xi statistika dwar kemm hawn persuni li jbatu minn dawn iż-żewġ tipi ta' epilessiji: Lennox-Gastaut Syndrome (LGS) u Dravet Syndrome (DS)?

19/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi preżentament għandna madwar 3 każijiet li huma identifikati li jsofru minn *Dravet Syndrome* (DS) u madwar 20 taħt l-eta' ta 15 il-sena li għandhom il-*Lennox-Gastaut Syndrome* (LGS).

Seduta 8
23/05/2022

**INDEPENDENT POLICE COMPLAINTS BOARD - MEMBRI**

**577. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' min huma l-membri tal-Independent Police Complaints Board?

19/05/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor Interpellanta tirreferi il-mistoqsija tiegħha lil Ministru kkonċernat.

Seduta 8
23/05/2022

**SANTA LUĊIJA - KULLEĠĠ ST. THOMAS MORE - SALA**

**579. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 157, jista' l-Ministru jwieġeb id-domanda oriġinali li kienet meta (xahar u sena) huwa ppjanat li x-xogħol fuq is-sala tal-iskola msemmija jitlesta?

19/05/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nistieden lill-Onor. interpellant jirreferi għat-tweġiba li ngħatat għal-Mistoqsija Parlamentari 519

Seduta 8
23/05/2022

**DRITTIJIET TAX-XHIEDA EMENDATI**

**594. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: B'referenza għad-drittijiet elenkati fl-iskedi annessi mal-Ordinanza dwar id-Drittijiet tax-Xhieda, Kap. 108, dwar id-drittijiet tax-xhieda, jista' l-Ministru jgħid jekk iqisx li jsiru l-emendi meħtiega biex l-imsemmija drittijiet jiġu aġġornati biex jirriflettu r-realtajiet attwali fejn allura skont il-Kap. 108 l-ogħla dritt li jista' jitħallas hu ta' 1.16 ċenteżmu?

19/05/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-Ordinanza dwar id-Drittijiet tax-Xhieda (Kap. 108) qiegħda tiġi eżaminata sabiex jiġu proposti l-emendi neċessarji bħala parti mir-riforma fil-qasam tal-ġustizzja

Seduta 8
23/05/2022

**UNIVERSITÀ – KORS TAL-MTL**

**620. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm hemm studenti jsegwu l-kors tal-MTL fl-Università (part-time u/jew full-time fejn hu l-każ) f'dawn is-suġġetti:

a. Geography;
b. Ethics Education;
ċ. Home Economics;
d. Health and Social Care;
e. Textiles and Fashion;
f. Retailing;
ġ. Media Literacy;
g. Science;
għ. Computing;
h. PSCD;
ħ. PE;
j. Design and Technology;
k. Art; u
l. Hospitality?

19/05/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba ser tkun qed tingħata f'seduta oħra

Seduta 8
23/05/2022

**SKOLASAJF – ALLOKAZZJONI TA' FONDI**

**621. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'baġit allokat hemm għal SkolaSajf?

19/05/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor Interpellant li din l-informazzjoni ser tkun qed tingħata f'seduta oħra
Seduta 8
23/05/2022

**SKEJJEL PRIMARJI – GĦALLIEM FISS**

**622. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx klassijiet tal-iskejjel primarji li ma għandhomx għalliem fiss?

19/05/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li din l-informazzjoni ser tkun qed tingħata f'seduta oħra.

Seduta 8
23/05/2022

**SKEJJEL PRIMARJI – SUPPLY TEACHERS**

**623. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm għalliema supply fl-iskejjel primarji li ilhom jagħtu servizz lill-Gvern aktar minn ħames snin?

19/05/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor interpellant li għalliema supplementari li ilhom jagħtu servizz fl-iskejjel primarji tal-istat iktar minn ħames snin hemm 27 għalliem.

Dan it-tagħrif jgħodd għall-ministeru u d-dipartimenti ta dan l-istess Ministeru.

Seduta 8
23/05/2022

**SKEJJEL SEKONDARJI – SUPPLY TEACHERS**

**624. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm għalliema supply fl-iskejjel sekondarji li ilhom jagħtu servizz lill-Gvern aktar minn ħames snin?

19/05/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor interpellant illi għalliema supplementari li ilhom jagħtu servizz fl-iskejjel sekondarja – inklużi dawk medja – tal-istat, iktar minn ħames snin, hemm 19 il-għalliem.

Dan it-tagħrif jgħodd għall-Ministeru u d-dipartimenti tal-istess Ministeru.

Seduta 8
23/05/2022

**SKEJJEL PRIMARJI - LSES**

**625. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 230, jista' l-Ministru jgħid kemm mill-2,784 LSE, jagħtu servizz fl-iskejjel primarji?

19/05/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn 2784 hemm 1952 LSE li qed jissaportjaw studenti fl-iskejjel primarji.

Seduta 8
23/05/2022

**BERĠA TA' MARSASKALA - SERVIZZI**

**638. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jindika x'servizzi qed jingħataw fil-Berġa ta' Marsaskala u b'liema frekwenza? Kemm-il darba fil-ġimgħa qed jattendu l-professjonisti u x'tip ta' servizzi qed jagħtu lill-klijenti?

19/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi s-servizzi li jingħataw mil-Berġa ta' Marsaskala huma s-servizz tat-Tabib (darba fil-ġimgħa). Is-servizz tal-infermiera (darba fil-ġimgħa), Is-servizz tal-Podiatrija (darba fil-ġimgħa), Is-servizz tal-Fiżjoterapija (darbtejn fil-ġimgħa), s-servizz ta' Tehid tad-demm (darbtejn fil-ġimgħa) u s-Servizz tal-Patoloġija tal-Ligwa Mitkellma (tlett darbiet fil-ġimgħa).

Seduta 8
23/05/2022

**KURA DENTALI B'XEJN FIL-KOMUNITÀ**

**639. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jinforma lill-Kamra fiex tikkonsisti l-kura dentali b'xejn fil-komunità? Jista' jgħid wieħed x'għandu jagħmel biex jagħmel użu minn dan is-servizz?

19/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi Gvern Nazzjonalista fil-passat kien waqqaf is-servizz dentali fil-komunita'. Ilum il-kura dentali tingħata bla ħlas mill-isptar Mater Dei, mir-residenza San Vincenz, u mill-Isptar Ġenerali t'Għawdex.
Emerġenzi dentali, proċeduri kirurġiċi orali u check-ups huma bla ħlas għal kulħadd u jingħataw skont il-ħtieġa. Orthodontics (braces), dentaturi u *fillings* huma b'xejn għal dawk li

għandhom inqas minn 16-il sena u għall-adulti li għandhom il-karta r-roża kif ukoll dawk li jbatu bid-dijabete.

Seduta 8
23/05/2022

**DIPARTIMENT TAS-SAĦĦA – SOCIAL WORKERS**

**640. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jindika kemm hemm social workers jaħdmu mad-Dipartiment tas-Saħħa u fejn huma allokati? X'qiegħed isir biex ikollna aktar social workers, speċjalment fil-qasam tas-saħħa mentali?

19/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li din l-informazzjoni qed tingħabar. Ninfurmaha ukoll illi hemm *rolling call* miftuħa mad-Dipartiment tas saħħa għal Social Workers ġodda.

Seduta 8
23/05/2022